MALTA

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
(Rapport Uffiċjali u Rivedut)

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 179**
**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
MALTA

Prezz €2.50

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 179**
**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fid-9.02 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 179**

**It-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ


MINUTI ........ 876

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 876

MISTOQSIJIET ........ 876

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
L-ERBATAX-IL SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL ........ 876

AĠĠORNAMENT ........ 905

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 178 li saret fit-22 ta' Novembru, 2023 ġew ikkonfermati.*

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att XXXVIII tal-2023** - Att tal-2023 dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

## MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta hija mingħajr mistoqsijiet. Ngħaddu għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024

## KUMITAT TA' PROVVISTA

## L-ERBATAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippresieda.*

**IĊ-CHAIRPERSON**: Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol iressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol)** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 35 - MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL**
Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €319,662,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 35 - Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 36 - POLITIKA EKONOMIKA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,108,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 36 – Politika Ekonomika, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 37 - TEŻOR**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €46,765,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt

il-Vot 37 – Teżor, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 39 - AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA U D-DWANA TA' MALTA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €44,129,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 39 – Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 40 - KUNTRATTI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €3,518,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 40 – Kuntratti, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XVII - MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €236,001,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XVII - Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 35 - MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Sur President, dalgħodu nġbarna għad-diskussjoni importanti dwar l-estimi tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol li jagħtuna spunt biex nerġgħu nagħtu ħarsa lejn il-Baġit b'mod ħolistiku. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa l-Ministru għall-Finanzi li kellu r-responsabbiltà f'idejh li jippjana l-qafas ekonomiku u finanzjarju għas-sena li ġejja.

Qabel ma nibda dan id-diskors, nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-ħaddiema kollha ta' dan il-Ministeru u tal-entitajiet li jaqgħu taħtu. Dalgħodu se jkollna dibattitu xi daqsxejn imqanqal, fejn mhux se naqblu fuq ħafna affarijiet man-naħa l-oħra tal-Kamra. Madankollu, inwassal l-apprezzament tiegħi lill-ħaddiema li huma fdati biex dak li jiġi approvat hawn ġew jaħdmu fuqu u jaraw li jiġi implimentat bl-aħjar mod possibbli. Ta' dan aħna rikonoxxenti lejhom.

Sur President, fl-introduzzjoni tiegħi użajt il-frażi "qafas ekonomiku u finanzjarju" għar-raġuni li għandna dejjem nenfasizzaw l-importanza li nħarsu lejn il-Baġit bħala l-masterplan ekonomiku għas-sena ta' wara; masterplan li idealment jidħol kexxun bħala parti minn viżjoni usa' għat-tliet, il-ħames u l-għaxar snin li ġejjin. Għalkemm kellna diversi opportunitajiet biex nitkellmu dwar dan fil-mumenti immedjati u fil-ġranet ta' wara l-Baġit, inħoss li nkun qed nonqos mid-dover tiegħi lejn l-elettorat u lejn il-poplu jekk dan il-punt ma jkunx dak li fuqu norbot il-qafas tad-diskors tal-lum. Qed nirreferi għan-nuqqas totali ta' viżjoni għal pajjiżna li għal darb'oħra joħroġ mill-Baġit imressaq minn Gvern Laburista.

Aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kummissjoni Ewropea qaltilna li t-tkabbir ekonomiku għas-sentejn li ġejjin, bejn wieħed u ieħor, se jibqa' qrib l-4%. Dan, minnu nnifsu, huwa tajjeb. Li ma naqblux huwa dwar il-mod kif se naslu għal dik iċ-ċifra, kif se tkompli tikber l-ekonomija tagħna. Onestament, għalkemm imissni drajt aħjar lil dik in-naħa tal-Kamra, xorta kont xi ftit sorpriż li ma kienx hemm aċċenn għal bidla fir-rotta ekonomika li għal għaxar snin sħaħ fittxet li twassal għal tkabbir ekonomiku fuq żieda esaġerata f'qasir żmien fil-popolazzjoni bla pjan u kostruzzjoni bla rażan, mingħajr pjan, mingħajr ħsieb u bla viżjoni.

Dawn huma fatturi, fost ħafna oħrajn, li bla dubju ħallew impatt qawwi wisq fuq il-Maltin u l-Għawdxin. Qed ngħid li kont sorpriż proprju għax kien l-istess Ministru għall-Finanzi li fil-ġimgħat ta' qabel il-Baġit f'bosta okkażjonijiet indika, kultant b'mod indirett u kultant bi stqarrijiet pjuttost kategoriċi, li ma kienx għadu komdu b'din il-politika ekonomika, li rrid infakkar li ironikament hu mexxa b'tant insistenza. Saħansitra, hu stess kien il-pijunier ta'

din il-politika ekonomika. Infakkar li qalilna kemm-il darba li r-riċetta ekonomika trid tinbidel.

Għalhekk, filwaqt li lkoll kemm aħna konna qed nistennew li l-Ministru se jwettaq dak li qal, minn dan kollu ma ġara xejn u għal darb'oħra rregalalna dan il-monologu ta' sagħtejn u nofs li fihom ma smajna xejn ġdid assolutament. Anzi, biex jimla l-ħin, għadda ma nafx kemm-il minuta jikkwota minn baġits ta' aktar minn għaxar snin ilu. Ara fiex wasalna, Sur President! Surreali! Mela l-ħin billi kkwota xi ntqal fil-baġits ta' aktar minn diċennju ilu, iżda bqajna ma nafux kif se nippermettu l-ekonomija tagħna tikber b'mod aktar sostenibbli li ma joħnoqx l-infrastruttura, l-isptarijiet, il-faċilitajiet edukattivi u t-toroq tagħna, fost oħrajn. Politika ekonomika tal-Gvern li qed twassal biex il-maġġoranza tażżgħażagħ qed jgħidu li jridu jitilqu minn hawn.

Sur President, dan huwa Baġit li ma jagħtix soluzzjonijiet li naqas milli jindirizza l-akbar problemi tal-pajjiż u l-kriżijiet li l-Gvern stess ħoloq bil-politika ekonomika tiegħu; kriżijiet li ta' kuljum qegħdin jgħaffġu fuq il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin. Traffiku kull ħin! Tiġġammja kullimkien! Skart u telqa madwar il-pajjiż. Overpopulation mingħajr ippjanar. Għoli tal-ħajja li ta' kuljum jgħaffeġ fuq il-familji u n-negozji. (Onor. Membri: Hear, hear) L-isfidi fil-qasam tal-edukazzjoni bl-istudenti jitgħallmu ġo containers. L-isfidi fil-qasam tas-saħħa bil-pazjenti fil-kurituri u fil-canteen. In-nuqqas ta' ppjanar fil-qasam tal-kostruzzjoni. It-tniġġis. In-nuqqas ta' spazji miftuħa. In-nuqqas ta' governanza u ta' meritokrazija. Dan huwa Baġit bla ideat, Baġit bla soluzzjonijiet, Baġit ta' Gvern li għejja. Sewwa jgħidu li min ħoloq il-problema ma jistax ikun is-soluzzjoni.

Infakkar kif stħarriġ wieħed wara l-ieħor qed juru li pajjiżna għandu bżonn direzzjoni ċara. Skont stħarriġ li deher f'ġurnal lokali, kważi 70% tal-poplu Malti u Għawdxi qegħdin jgħidu li l-pajjiż, u allura l-Gvern, miexi f'direzzjoni ħażina. Din iċ-ċifra fiha ħafna x'tifhem meta nafu li pajjiżna politikament, bejn wieħed u ieħor, huwa maqsum min-nofs. Anke l-barranin li għandna fostna qed jgħidu li Malta hija fost l-agħar pajjiżi fejn jistgħu jmorru l-espatrijati. Saħansitra, ikklasifikawna fid-49 post minn 52 pajjiż fejn tidħol il-kwalità tal-ħajja. L-aqwa fl-Ewropa? X'ċajta dik! Imisskom tistħu!

Sur President, se nagħti ħarsa lejn aktar ċifri. Skont l-SME Barometer, 80% tas-sidien tan-negozji qed jgħidu li mexjin f'direzzjoni ħażina. U issa huwa tajjeb li nkun ċar u ngħid li dawn iċ-ċifri li semmejt, aħna li nkunu man-nies, nisimgħuhom, għax ir-rwol tal-politiku huwa li jkun man-nies, mal-imsieħba soċjali u mal-istakeholders u mhux li jinqafel f'xi uffiċċju, mingħalih li jaf kollox. Trid tinżel man-nies u b'umiltà tisma', ħalli twettaq b'determinazzjoni. Meta nitkellmu mal-imsieħba soċjali, mas-sidien tan-negozji, mal-imprendituri, mal-professjonisti, mal-ħaddiema u l-familji Maltin u Għawdxin, ilkoll jgħidulna li pajjiżna miexi f'direzzjoni ħażina. Qed jgħidu dan għax il-Gvern mhux qed jagħti soluzzjonijiet għall-isfidi kbar li qed ikollna nħabbtu wiċċna magħhom ta' kuljum, kif ukoll għax meta jħarsu lejn dak li kellu jagħmel il-Gvern Laburista jsibu li m'għamlux.

It-turiżmu mediku, il-Qorti sejħitlu frodi! Il-blockchain sejħulu buzzword! Issa smajna bl-istorja tal-Binance li tant ftaħru biha, tant għamlu propoganda fuqha u li tant nefqu flejjes fiha, kif għamlu fil-kwestjoni tal-blockchain. Wara ħafna public relations (PR) u teatrini - għax hemmhekk ma jirbħilhom ħadd - Binance instabu ħatja ta' skandlu kbir ta' ħasil tal-flus. Fl-Università Amerikana ta' Malta, kulħadd jaf x'sar u ma sarx. Fl-investiment mal-Huawei, falliment totali! Il-famuża metro! Hawnhekk l-istess, tant għamlu propaganda u nefqu għexieren ta' eluf ta' ewro f'marketing u PR, li kien hemm min ħaseb li kienet se tibda l-għada, imma l-famuża metro qisha għosfrot. Berbqu l-mijiet ta' eluf ta' ewro fi propaganda u f'marketing lil tal-qalba, għax għal dawk hemm, imma l-metro għosfrot! Tassew surreali! Imisskom tistħu f'dan ir-rigward!

Sur President, pajjiżna tassew jinsab f'salib it-toroq. Il-pandemija, sa ċertu punt, serviet bħala ground zero ekonomiku fejn ir-realtajiet ekonomiċi nbidlu għal kulħadd u kulħadd kellu jara kif se jwitti t-triq għall-futur, kemm short-term u anke long-term. Il-pajjiżi kollha daru fuqhom infushom u raw kif se joħorġu rebbieħa fl-ekonomija l-ġdida ta' transizzjoni doppja, dik diġitali u dik ambjentali. Għaldaqstant, wieħed kien jistenna li fl-aħħar xhur il-Gvern Laburista kien se jindikalna l-viżjoni tiegħu fit-tul ta' kif se jevolvi l-mudell ekonomiku u 'l fejn se nieħdu lil dan il-pajjiż. Nerġa' nisħaq li dwar din it-tema ma niqafx nitkellem f'isem in-nies, għax kulħadd qiegħed jitkellem dwarha.

Jien ngħid li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin, il-professjonisti u s-sidien tan-negozji stennew, u bir-raġun, li l-Gvern kien se jgħid x'niċeċ ġodda se jkunu qed jinħolqu fl-ekonomija, – u naturalment ma waqfux jistaqsu – x'tip ta' xogħol b'valur miżjud se jkunu qed jinħolqu għaż-żgħażagħ u għall-ħaddiema Maltin, x'tip ta' setturi li jħallsu pagi tajbin u mhux cheap labour se jkunu qed jinħolqu u, fuq kollox, x'viżjoni se jkun qiegħed joħloq għaż-żgħażagħ biex jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar. Imma għaddew il-ġimgħat, għaddew ix-xhur u ma smajna assolutament xejn. Wasal il-Baġit u erġajna ma rajna l-ebda direzzjoni u l-ebda viżjoni fit-tul. Il-politika ekonomika tal-Gvern Laburista ma tindirizzax il-kwalità tal-ħajja li tassew tixraqlek. Huwa Gvern li għejja, Gvern bla soluzzjonijiet. Mhux biss bla soluzzjonijiet iżda, agħar minn hekk, ċeda u qata' qalbu li jħares 'il quddiem. A defeatist attitude!

Tisma' lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Finanzi jitkellmu fuq l-għoli tal-ħajja b'sens ta' defeatism u jgħidulek biss li ma jistgħu jagħmlu xejn. Qalulna li mhux tort tagħhom. Dejjem tort ta' ħaddieħor! Il-Ministru jwaħħal fil-barranin, l-MEP Laburista jwaħħal fl-importaturi Maltin, apoloġisti oħra tal-Labour iwaħħlu fis-sidien tal-ħwienet u tan-negozji, iżda qatt mhu tort tagħhom. Anke meta l-NSO – li nsellmilhom minn hawnhekk – fuq fenomenu li qiegħed jaffettwa u jinkwieta ġenwinament lill-poplu Malti u Għawdxi qalulna li aktar minn 100,000 persuna jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, għalihom qisu xejn mhu xejn. Dan huwa l-legat tagħhom.

Sur President, dan jiżgarra mat-titlu tal-Baġit li għażlu għal din is-sena. Surreali! Nerġa' ngħid li għall-propaganda, għat-teatrini u għall-PR ma jirbħilhom ħadd. Ħallihom ħalli jonfqu l-għexieren ta' eluf ta' ewro, però jien nistaqsi jekk Malta hijiex ġusta. Le, ma naħsibx li Malta hija ġusta. X'ironija! Malta Ġusta ma' dawk li ilhom xhur u snin sħaħ jistennew fil-waiting list, uħud minnhom bl-uġigħ li kellhom saħansitra kellhom joħorġu l-flus mill-but biex jagħmlu l-operazzjoni li tant kellhom bżonn u li kien ħaqqhom bi dritt, imbagħad intom armejtu l-miljuni ta' ewro fuq VGH u SHC! (Onor. Membri: Hear, hear)

Dik Malta Ġusta?! Malta Ġusta għal dawk il-persuni b'diżabilità li ċħadtulhom ftit għajnuna oħra biex tajtuha lil erbgħa tal-qalba biex tixtru l-voti?! Malta Ġusta mal-working poor li jaħdmu kemm jaħdmu mhumiex ilaħħqu mal-ħajja?! Malta Ġusta mal-100,000 ruħ f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali?! Malta Ġusta mal-qraba ta' Jean Paul Sofia u ta' Bernice Cassar?! L-ironija ta' dan it-titlu hija tassew surreali, Sur President!

Ngħaddi issa biex nitkellem fuq tema importanti oħra; dik tal-qagħda finanzjarja, Sur President. Ma nixtieqx nirrepeti frażijiet li użajna fil-passat, imma f'dan il-każ ma nistax ma nagħmilx hekk. Reġa' għandna quddiemna Baġit indirett, Baġit li ma jaħsibx kif se jiġġenera aktar ġid b'mod produttiv, Baġit li jkompli jiddejjen u jiddejjen u jiddejjen, mażżra li kibret taħt il-Labour u splodiet taħt il-Prim Ministru Robert Abela. Kienu jgħidu tant għall-Gvern Nazzjonalista meta dan biddel wiċċ il-pajjiż b'investimenti infrastrutturali bla preċedent, li ħafna minnhom saru qabel il-miljuni ta' fondi Ewropej u ħalla inqas minn €5 biljun dejn, imbagħad dan il-Gvern fi ftit snin irdoppja din iċ-ċifra! U n-nies, bir-raġun qegħdin jistaqsu fejn marru dawn il-biljuni ta' ewro, meta għandna infrastruttura fi stat ħażin ħafna, f'ċerti żoni hemm diżastru fis-sistema tad-drenaġġ u hemm skejjel li ilhom snin sħaħ bi bżonn ta' manutenzjoni. Barra minn hekk qed iġiegħlu lill-pazjenti jixtru l-mediċini, hemm nuqqas ta' investiment fil-Qrati tagħna u ħmieġ u żdingar kważi kull fejn tħares. Surreali!

Sur President, id-dejn tal-pajjiż matul din is-sena se jkun żdied b'madwar €1 biljun – €1,000 miljun – u sal-aħħar tas-sena d-dejn tal-Gvern se jmiss l-€10 biljun. Għas-sena d-dieħla l-Ministru stess qalilna, u nittama li ma jmurx żmerċ, li se jiddejjen b'aktar minn €1 biljun oħra u d-dejn tal-pajjiż se jitla' għal madwar €11.2 biljun. Għas-snin ta' wara, dan id-dejn se jibqa' jiżdied b'madwar €1 biljun kull sena biex fis-sena 2026 jaqbeż it-€13-il biljun. Dawn huma ċifri li tassew jinkwetawk.

Jekk naraw l-iżbilanċ tal-Gvern bħala perċentwal tal-GDP, insibu li s-sena li għaddiet pajjiżna kellu defiċit ta' 5.7%, ir-raba' l-ogħla fost il-pajjiżi Ewropej. Huwa tajjeb li ngħid ukoll li t-tbassir hu li sal-aħħar ta' din is-sena se jkollna defiċit ta' 5% u għas-sena d-dieħla l-Gvern qed ibassar li se jkollu defiċit ta' madwar 4.5%. Ferm ogħla mil-limitu ta' 3% kif stipulat fit-trattati Ewropej!

Sur President, huwa importanti li nitkellmu dwar id-dejn u d-defiċit, għax meta naraw l-imgħax li qed inħallsu fuq id-dejn huwa inkwetanti. Din is-sena se nkunu ħallasna madwar €4 miljun kull

ġimgħa imgħax fuq dan id-dejn. Surreali! Is-sena li ġejja s-somma titla' għal madwar €5 miljun kull ġimgħa. Araw x'konna nagħmlu b'dawn il-miljuni kollha li qegħdin jintnefqu kull ġimgħa u kemm stajna użajniehom bl-aħjar mod. Se nirrepeti, din is-sena ħallasna €4 miljun kull ġimgħa f'imgħax fuq dan id-dejn biss u s-sena d-dieħla dan se jitla' għal madwar €5 miljun kull ġimgħa. Imbagħad joqogħdu jiġġebbdu mal-bqija tal-poplu u fuq sempliċi żieda tal-għoli tal-ħajja qed jeħdulhom parti minnha lura. Irrid infakkar li minkejja l-appelli tagħna, tal-unions u tar-rappreżentanti ta' min iħaddem biex ma jintaxxawx il-COLA, se jibqgħu jintaxxawha.

Dan huwa ta' tħassib, anke għax skont rapporti fil-mezzi tax-xandir jidher li se jerġa' jintlaħaq qbil biex mekkaniżmi relatati mas-sostenibbiltà fiskali fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jerġgħu jidħlu fis-seħħ fix-xhur li ġejjin. U hawnhekk nappella lill-Ministru għall-Finanzi b'mod ġenwin u onest f'isem il-poplu biex ma jibqax jinħeba wara l-persentaġġi. Uliedna mhux se jirtu l-persentaġġi, imma se jirtu t-€13-il biljun dejn li sallabna bih! (Onor. Membri: Hear, hear) Huwa importanti li nitkellmu dwar dan, għax dan id-dejn kollu huwa mażżra m'għonq uliedna u wlied uliedna u għax, kif dejjem nisħaq, il-qagħda finanzjarja stabbli hija prekursur ewlieni għal aktar investiment.

Dan jagħtini r-rabta ideali għall-punt li jmiss, Sur President; Brand Malta, ir-reputazzjoni ta' pajjiżna, ir-reputazzjoni ta' dan in-nazzjon. F'dan il-Baġit, ilkoll kemm aħna ttamajna li l-Gvern jagħti dimensjoni ġdida lil Brand Malta. Huwa tajjeb li bħalissa l-Malta Financial Services Advisory Council (MFSAC) jinsab għaddej b'ħidma kbira dwar proposti ġodda biex insaħħu dan is-settur. Se nkun ċar u ngħid li nafda f'ħafna mill-persuni li naf li huma involuti f'dan il-proċess biex joħorġu b'ideat ġodda biex nattiraw investiment ġdid u niċeċ ġodda marbuta mas-servizzi finanzjarji. Minn hawnhekk nirringrazzjahom tal-ħidma sfiqa li qed jagħmlu. Kif jafu, għax diġà għaddejtilhom dan il-messaġġ, għandhom l-appoġġ sħiħ ta' din in-naħa tal-Kamra, l-appoġġ sħiħ tal-Partit Nazzjonalista.

Huwa ċar li meta nħallu f'idejn stakeholders li verament jafu s-suġġett u jħobbuh, tassew jista' jkollna suċċess. Meta nagħmlu hekk, ma jkollniex wegħdiet bħal tal-blockchain. L-istess, infakkar il-miljuni li tberbqu fuq propaganda u PR. Il-Ministru, hawn quddiemi, ammetta li din kienet sempliċement buzzword jew taparsi kellhom jattiraw il-cryptocurrency hawn Malta, biex imbagħad waqajna lura għal diversi raġunijiet. Hawnhekk għandi dokument li jittratta din it-tema li ġiet diskussa f'konferenza li saret riċentement mill-MFSA, li jidhirli li saret b'mod tajjeb ħafna. Hawnhekk nitlob il-permess biex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fis-16 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Malta a 'pioneer' as EU clamps down on 'wild west' crypto industry'.

Allura l-appell tiegħi, anke f'dan is-settur, kif nappella dejjem, hu li naħdmu flimkien ħalli noħolqu l-opportunitajiet għal pajjiżna u nikkreaw il-ġid, partikolarment f'dawn l-industriji vertikali.

Sur President, sħaqt u nibqa' nisħaq li jekk naħdmu flimkien naslu biex nattiraw investiment ġdid serju u ta' livell. Huwa tajjeb li nirrimarka li biex l-ideat u l-proposti tal-esperti tas-settur jirnexxu, hemm bżonn li l-ġurisdizzjoni Maltija terġa' tikseb ir-rispett li kellha, ġurisdizzjoni li dan il-Gvern wiret fost l-aqwa 20 fid-dinja, anke skont il-World Economic Forum. Huwa tajjeb li nfakkar, Sur President, li din il-ġurisdizzjoni kienet titpoġġa fl-istess livell fost l-aqwa pajjiżi emerġenti f'dan is-settur, u minn din il-pożizzjoni tant tajba, dan il-Gvern irnexxielu jitfagħna fid-dlamijiet tal-greylist. X'umiljazzjoni dik! Umiljazzjoni li fissret miljuni ta' ewro f'investiment, telf ta' mijiet ta' postijiet tax-xogħol ta' kwalità u daqqa għar-reputazzjoni li trid is-snin biex tiġi rimedjata.

Ħalli nkun ċar dwar dan is-settur tant għal qalbi. Jien wieħed mill-professjonisti fis-settur tas-servizzi finanzjarji li flimkien ma' mijiet u eluf oħrajn naħdmu qatigħ kuljum f'dan is-settur, u għad għandna ħafna tajjeb. Għall-inqas, almenu fuq il-karta, għad għandna qafas legali b'saħħtu. Għas-settur finanzjarju wiesa' għandna propożizzjoni tajba fis-sens ta' dak li tista'

tagħmel f'Malta f'dan is-settur. Għandna banek b'saħħithom li regolarment jgħaddu t-testijiet li jsirulhom bl-ogħla unuri u għandhom pożizzjoni ta' kapital solida li dejjem tkun apprezzata minn aġenziji ta' kreditu.

Għandna għarfien tajjeb tal-lingwi u ħaddiema kkwalifikati f'dan is-settur. Dawn huma selling points kruċjali f'dan is-settur, iżda waħedhom ma jkunux biżżejjed jekk ma nerġgħux naraw kif se nibnu r-reputazzjoni ta' pajjiżna bis-serjetà. U dan mhux qed ngħidu jien biss, mhux qed ngħiduh aħna l-Membri ta' din in-naħa tal-Kamra biss imma, kif nafu, kull meta credit rating agency tipprepara rapport dwar Malta, il-Gvern jgħidilna biss kemm faħħritu u naturalment jagħżel li jinjora dak li ma jdoqqx għal widnejh.

Eżempju minnhom huwa dak ta' Creditreform, li rrimarkat kif il-Worldwide Governance Indicators ippubblikati mill-Bank Dinji raw l-iscore ta' pajjiżna jmur lura f'sitt kategoriji minn sitta, jiġifieri kollha, fejn jidħlu l-korruzzjoni, il-kwalità regolatorja u s-saltna tad-dritt. Issemmi wkoll il-prestazzjoni diżappuntanti fl-EU Justice Scoreboard li tikkonferma li ż-żmien stmat biex jissolvew każijiet amministrattivi għadu l-ogħla fl-Unjoni Ewropea. Din is-sena komplejna naqgħu lura anke fir-Rapport ta' Transparency International, u spiċċajna fl-54 post. Dawn huma fatti! Fl-analiżi tagħha dwar Malta, Transparency International tesprimi t-tħassib tagħha fuq il-libertà tal-midja, l-indħil politiku fix-xandir tal-Istat u l-ġlieda, jew in-nuqqas tagħha, kontra l-kriminalità organizzata. Forsi dawn ma nassoċjawhomx direttament mas-Servizzi Finanzjarji, imma bla dubju huma ċifri li jorbtu sew mal-attrazzjoni tal-investituri barranin u Maltin li jinvestu f'pajjiżna.

Mhux ta' b'xejn li fl-Ernst & Young Attractiveness Survey sfortunatament pajjiżna għadda tant lura minn dak li konna ftit taż-żmien ilu, fejn kważi 90% tal-investituri kienu jaraw lil Malta bħala pajjiż ideali u attraenti biex tinvesti fih. Kien hemm ċifri tassew pożittivi favur pajjiżna, u r-realtà hi li llum il-fatti juru li bilkemm nilħqu s-60%. Kemm huwa importanti li nibżgħu għar-reputazzjoni ta' pajjiżna. Però kif trid tibża' għar-reputazzjoni ta' pajjiżna? Żgur mhux billi jkollok Prim Ministru bit-titlu tal-bniedem tas-sena fil-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni! Żgur mhux billi jkollok Gvern li ma' kull proġett ewlieni tiegħu jmiss mal-korruzzjoni u l-frodi, jekk hux tal-isptarijiet, jekk hijiex il-Power Station il-ġdida! Tal-mistħija, anke fuq flyover, pajjiżna spiċċa investigat minn prosekutur Ewropew! Sur President, hawnhekk nitlob il-permess tal-Kamra sabiex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fid-19 ta' Novembru 2023 bl-isem 'EU prosecutor takes over Marsa flyover corruption probe'.

Żgur mhux billi jkollok Kap Eżekuttiv tal-MFSA li jieħu vaganzi mħallsa Las Vegas ma' Yorgen Fenech! Żgur mhux b'nies – li huma ftit, tgħoddhom fuq subgħajk – fil-Gaming Authority li jgħaddu informazzjoni sensittiva lill-istess allegat kriminal! Żgur mhux bil-ħela u t-tberbiq bl-addoċċ mill-Ministru għat-Turiżmu! Tal-għaġeb il-ħela u t-tberbiq! Żgur mhux bil-Ministru għat-Turiżmu jirrifjuta l-aktar dritt bażiku, li jagħtina informazzjoni dwar kemm berbaq minn flus il-poplu biex suppost jippromwovi l-industrija tal-films! Żgur mhux bi prosekutur tal-Anti-Mafja Taljana jallega li l-Awtorità tilliċenzja u tirregola kumpanija li taħsel il-flus għall-Mafja! Hawnhekk nitlob il-permess sabiex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Forbes* fit-13 ta' Marzu 2021 bl-isem 'Scandals and Mafia Allegations may force Malta to reconsider its reliance on online betting'.

Sur President, żgur mhux b'ġurnal awtorevoli – jien hawn bil-fatti nitkellem – bħalma hu *Bloomberg*, li jiddeskrivik bħala: "A cryptocurrency and online gambling hub plagued by allegations of corruption and money

laundering"! Żgur mhux bi skandlu kull ġimgħa, jekk hux fuq il-bejgħ tal-passaporti, jekk hux fuq iċ-ċertifikati tal-mard u jekk hux saħansitra biex tingħata l-liċenzja tas-sewqan! Żgur mhux meta l-Parlament Ewropew, l-istituzzjoni li tirrappreżenta lill-poplu Ewropew, b'vot appoġġjat anke mis-Soċjalisti, jgħid li huwa ddiżgustat – il-kelma preċiża li ntużat hi "appalled" – bid-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru ta' Malta li pprova jimminimizza aġir ta' korruzzjoni istituzzjonalizzata f'pajjiżna! Żgur mhux billi jkollok Gvernatur tal-Bank Ċentrali, ċjoè l-Eks Ministru Edward Scicluna, li ta żieda lilu nnifsu qabel ma laħaq hu stess f'dik il-pożizzjoni! Hawnhekk nerġa' nitlob il-permess sabiex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Shift* fil-21 ta' Jannar 2021 bl-isem 'Scicluna increased Central Bank Governor's remuneration before he took the position'.

U lanqas staħa jieqaf hemm, għax għaddew erbat ijiem u ħa żieda oħra biex issa jaqla' mal-€150,000 fis-sena! Għax għal tal-qalba hemm flus kemm iridu, imma għalik m'hemmx biżżejjed u jgħidulek biex tissikka ċ-ċintorin! Sur President, nitlob il-permess tal-Kamra, għax jien nitkellem bil-fatti, sabiex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Malta Independent* fl-14 ta' Frar 2021 bl-isem 'Edward Scicluna, on €138,000 CBM package, to get another €12,000 from MFSA'.

Żgur mhux billi tibqgħu tostru l-verità! Kif tista' tkun kredibbli bħala Gvern meta qed nistaqsu għad-dettalji tal-flejjes dwar il-Film Festival li fih intnefqu mijiet ta' eluf ta' ewro u ma tweġbux u ma tagħtux id-dettalji! Meta qed nitolbu informazzjoni dwar id-deal li sar mal-Manchester United u jibqgħu ma jweġbux, deal li jiswa l-miljuni ta' ewro minn flus il-poplu, mit-taxxi tagħna. L-esperti fl-industrija qed jgħidulhom li ċertament mhux qed nieħdu lura redditu fuq l-ammont li qed jiġi investit, u jibqgħu ma jweġbux b'arroganza. Tassew surreali!

Sur President, ngħaddi għal tema importanti oħra. Kellna żewġ Eks CEOs tal-MFSA li ħadu l-mijiet tal-eluf ta' ewro – qed narahom jidħku l-Membri tal-Gvern, imma din li se ngħid ma tantx hija tad-daħk, anzi hija inkwetanti ħafna – bil-barka tal-Gvern u bil-barka tal-Ministru, imbagħad ġew imġiegħla jirriżenjaw għax ma kenux 'fit for purpose'. Dik hi r-realtà! U jien ma waqaftx nitkellem dwar dan. Ripetutament nisimgħu b'każijiet fejn il-Qorti tgħid li l-multi li ngħataw mill-FIAU huma esaġerati u minnhom infushom joħolqu inġustizzja.

Fil-fatt, matul l-aħħar xhur rajna li d-deċiżjonijiet tal-FIAU qegħdin jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ogħla liġi ta' dan il-pajjiż. Nerġa' ngħid u nerġa' nisħaq li l-FIAU ma tistax tinvestiga, takkuża, tiġġudika u tikkastiga hi stess, għax dan imur kontra kull forma ta' ġustizzja ġenwina. L-FIAU nnifisha mhijiex 'il fuq mil-liġi, imma hi wkoll għandha l-obbligu li ssegwi u tobdi l-liġi bħal kulħadd. Dak li jiġi deċiż mill-qrati ta' pajjiżna, l-FIAU għandha tobdih. Allura nibqgħu ninsistu biex tittieħed azzjoni minnufih minn min hu f'awtorità ħalli tassew issir ġustizzja u jirrenja l-bonsens.

Hemm ukoll numru ta' kawżi kostituzzjonali kontra l-FIAU u kontra l-MFSA. Jien bħala l-kelliem għall-finanzi f'isem din in-naħa tal-Kamra ma waqaftx nistaqsi lill-Gvern u lill-Ministru xi pjan għandhom għal meta jintilfu dawn il-kawżi. Issa hemm l-appelli, imma ma nafux x'se jiġri wara, jekk hemmx maħsub pjan ta' azzjoni għall-immaniġġjar tas-sitwazzjoni. Minflok ma qabdu l-barri minn qrunu u rranġaw is-sistema, kif ilha tgħidilhom l-Oppożizzjoni u kif ilhom jgħidu l-esperti fil-qasam, qed jibqgħu jdaħħlu rashom fir-ramel jiddefendu l-indifensibbli. In-nies ma jridux l-attakki personali, ma jridux it-tgħajjir lejja u lejn il-kollegi tiegħi, u ma jridux li l-Ministru jew

ħaddieħor jipprova jbaxxina u jirredikolana. In-nies iridu soluzzjonijiet. Qed jistennew li llum qabel għada, il-Gvern u l-Ministru jagħtuhom is-soluzzjonijiet. (Onor. Membri: Hear, hear) Xi ħaġa li hija ċara hi li m'hemmx. Kellna Baġit bla soluzzjonijiet, Baġit ta' Gvern li għejja. Attitudni ta' rassenjazzjoni totali!

Sur President, issa jidher li għandna problema akbar milli ħsibna. Qed nirreferi għas-sentenza riċenti li ngħatat mit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Skont dan it-Tribunal, l-MFSA ma mxietx mal-proċedura tal-liġi minn Marzu 2019 sal-lum, u t-Tribunal waqaf jagħti sentenzi f'dan ir-rigward sakemm jinqata' l-appell li daħħlet l-MFSA fil-Qorti. Jien informat li s-sentenza mistennija tingħata fil-bidu ta' April. Skont it-Tribunal, id-deċiżjonijiet li ħadet l-MFSA minn Marzu 2019 sal-lum huma nulli, għax ma mxietx mal-proċedura. Jekk dan jiġi kkonfermat mill-Qrati, trid tinġarr ir-responsabbiltà minn min ma osservax il-liġijiet, minn min wassal għal rebus sħiħ.

Kif jistgħu n-nies tal-qalba li jitħallsu bl-eluf ta' ewro fis-sena u l-Ministeru mimli, b'hekk imsejħa esperti u konsulenti, jippermettu dan kollu? Jafu x'qegħdin jagħmlu? Jistgħu jgħiduli meta l-kumpaniji finanzjarji jħarsu lejn din il-balbuljata manja, x'kuraġġ se jagħmlu biex jiġu jinvestu f'pajjiżna? Jaħsbu li ma tellfuniex investiment b'dan l-aġir? Hawnhekk nerġa' nitlob il-permess sabiex inqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Deċiżjoni tal-Uffiċċju tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji dwar il-każ MC Trustees Ltd vs MFSA (Każ Nru FST 02/21) datata 5 ta' Lulju 2023.

Bla dubju li b'din il-balbuljata manja, naffru u tellfu investiment ġdid lejn pajjiżna.

Sur President, nistgħu nagħmlu xahar sħiħ f'din il-Kamra niddiskutu l-ideat ta' kif se nattiraw investiment ġdid, iżda jkun kollu ta' xejn jekk nibqgħu b'dan it-timbru aħmar li konsistentement poġġa lil pajjiżna f'kumpanija xejn sabiħa. Dan żgur li mhuwiex il-livell ta' eċċellenza li jixirqilna. U pajjiżna għadu m'għeriqx għax minkejja li l-mod kif dan il-Gvern farrak u kisser ir-reputazzjoni tagħna, għad għandna mijiet u eluf ta' imprendituri fl-industrija u professjonisti f'oqsma differenti li jagħmlulna ġieħ. U hawnhekk ippermettili nsellem lil numru ta' persuni li naf kemm jaħdmu qatigħ.

Insellem lill-Malta Institute of Accountancy (MIA), lill-Malta Union of Bank Employees (MUBE), lill-Institute of Financial Services Practitioners (IFSP), lill-Malta Institute of Taxation (MIT), lill-Malta Institute of Management (MIM) u lill-Institute of Financial Services (IFS) li jaħdmu ħafna biex iżommu dan is-settur għaddej. Hu għalhekk li nappella biex b'mod kollettiv naraw x'inhuma tassew dawk l-oqsma li qed ikunu ta' ostaklu biex nerġgħu nibnu Brand Malta biex tassew tagħmel minn Malta destinazzjoni ta' għażla għall-investiment.

Huwa għalhekk li din n-naħa tal-Kamra, wara konsultazzjoni wiesgħa ma' bosta msieħba fis-soċjetà tagħna, ħarġet bil-viżjoni tagħha, viżjoni msejsa fuq il-kwalità u mhux il-kwantità, viżjoni ta' eċċellenza li toffri mudell ekonomiku sostenibbli. Ir-rata' tat-tkabbir ekonomiku tagħna mhux se tkun ibbażata fuq żieda bla rażan fil-popolazzjoni mingħajr pjan, fuq cheap labour, fuq il-ħela, fuq il-frodi jew fuq ġranet sħaħ bla dawl. It-tkabbir ekonomiku jrid ikun ibbażat fuq it-talent, fuq l-investiment li jagħmel sens, fuq inizjattivi pożittivi, fuq setturi li jrendu tassew u fuq infrastruttura ta' kwalità.

Biex nikkonkludi, Sur President, kif spjega l-Kap tal-Partit Nazzjonalista, qabel l-elezzjoni ġenerali konna diġà bdejna nitkellmu fuq l-Environmental, Social and Governance (ESG), imma dakinhar il-Membri tal-Gvern daħku bina, għax m'għarfux li dan il-kejl jista' jkun parti mill-viżjoni ta' pajjiżna. Ħalli ngħid xi tfisser l-ESG. Tfisser li n-negozji għandhom ikejlu l-ħidma tagħhom u kif din taffettwa l-ambjent, is-soċjetà u naturalment jaraw li din il-ħidma titmexxa b'governanza onesta u trasparenti. Aħna għandna l-viżjoni li jekk il-Gvern verament irid li jkun ta' eżempju, għandu jitmexxa fuq il-pilastri tal-ESG.

Huwa tajjeb li nisħaq ukoll li l-konċett tal-ESG potenzjalment joħloq impjiegi ta' kwalità u ta' valur hawn Malta wkoll. Forsi għall-Membri tal-Gvern aħjar ma nsemmuhiex l-ESG. Ejja ngħidu

li l-ESG u l-Labour ma tantx jistgħu jissemmew fl-istess sentenza! Dan għax il-poplu Malti, jekk se nsemmu l-ESG, jaf biżżejjed li dan il-Gvern qered l-ambjent, falla fil-politika soċjali meta ħoloq faqar ġdid, skjavitù ġdida, u kisser lill-klassi medja, u falla fil-governanza bi skandlu wara l-ieħor.

Sur President, il-Partit Nazzjonalista qiegħed joffri nifs ġdid fl-ekonomija tagħna, viżjoni ta' eċċellenza favur livelli ta' produttività ogħla, viżjoni ta' eċċellenza favur il-ħolqien ta' karrieri b'pagi tajbin u viżjoni ta' eċċellenza li tiffoka fuq il-kwalità biex inti u l-għeżież tiegħek tgħixu kwalità ta' ħajja aħjar bi standards ta' għajxien aħjar. U dik hi d-differenza minn Baġit mingħajr viżjoni li nesa lis-self-employed, nesa lis-sidien tan-negozji u nesa lill-klassi tan-nofs. Dan il-Baġit kważi ma jgħid xejn fuq is-settur tal-edukazzjoni, kważi ma jgħid xejn fuq is-settur tas-saħħa, naqqas l-investiment fit-turiżmu u naqqas l-investiment fl-infrastruttura. Dan il-Baġit ma jinvestix biżżejjed f'Għawdex, fejn mhux biss mhux se jinbena l-isptar il-ġdid li tant hemm bżonn, imma qatgħu qalbhom li joffru s-soluzzjonijiet għal Għawdex.

Naturalment, qatgħu qalbhom ukoll dwar tema tant kruċjali; is-saħħa mentali. Wara li wegħduha s-sena l-oħra u m'għamluhiex, tant qatgħu qalbhom li din is-sena lanqas kellhom id-diċenza li jsemmuha. Fil-ġimgħat u x-xhur li għaddew ħriġna numru ta' proposti u tajna numru ta' soluzzjonijiet dwar l-għoli tal-ħajja, is-settur tas-saħħa mentali, il-qasam ambjentali, il-kunsilli lokali, il-ġestjoni tal-iskart, it-tisħiħ fis-sigurtà, it-tisħiħ fil-qasam tal-ġustizzja u s-settur tal-enerġija, fost ħafna oħrajn. Il-Partit Nazzjonalista lest biex mhux biss il-vulnerabbli, imma wkoll is-settur tan-negozju, il-ħaddiema, is-self-employed u l-middle class jimxu 'l quddiem u jkomplu jikbru u jimirħu. Aħna nagħtu l-għodda biex wieħed jikseb suċċess u jkompli jimraħ. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak, Sur President.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan J. Bartolo.

**ONOR. IVAN J. BARTOLO:** Sur President, insellem lill-Ministru u nirringrazzja lill-kollegi taż-żewġ naħat. Jien personalment inħoss li bħalissa, jekk ma noqogħdux attenti, jidher li għandna attakk fuq in-negozjant lokali. Jekk inħarsu lejn dak kollu li ntqal fil-Baġit ... (Interruzzjonijiet) Ministru, jien qed nirreferi għal ftit affarijiet li qed naraw jiġru man-negozjanti bħalissa.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Indirizza lili.

**ONOR. IVAN J. BARTOLO:** Grazzi, Sur President, imma jien nieħu pjaċir nitkellem mal-Ministru, la qiegħed hawn.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Imma r-regoli qegħdin għal kulħadd, Onor. Bartolo, għax jekk inħalli lilkom, irrid inħalli lil ħaddieħor ukoll. Imma napprezza. Kompli, Onor. Bartolo.

**ONOR. IVAN. J. BARTOLO:** M'ilux kien hemm kumment li ġie rapportat fil-midja li lill-klassi tan-negozju għednielhom kartell. U bħalissa għaddejja xi ħaġa f'Malta, permezz ta' Ministeru ieħor, fejn in-nies fin-negozju qed jiġu mitluba jraħħsu l-prezzijiet tagħhom biex niġġieldu l-għoli tal-ħajja. Li niġġieldu l-għoli tal-ħajja hija xi ħaġa tajba, u ħadd żgur mhu se jargumenta li m'hemmx bżonn niġġieldu l-għoli tal-ħajja. Jien ilbieraħ kont qiegħed il-Kottonera u mort kmieni biex nitkellem man-nies. F'dan il-pajjiż, kemm jekk inti Laburist jew Nazzjonalist, jekk irridu nitkellmu bl-irġulija u bl-onestà, nafu li l-iżjed żewġ temi li qed iweġġgħu lin-nies huma l-għoli tal-ħajja u ż-żieda fil-popolazzjoni. Safejn naf jien, dan il-Parlament jeżisti għan-nies u xogħolna hu li naħdmu għan-nies.

Mela l-inizjattiva biex niġġieldu l-għoli tal-ħajja hija tajba. Issa l-argument hu kif se tiġġilidlu. Għax meta nisma' l-kumment li n-nies tan-negozju huma kartell, imbagħad nara nies minn Ministeru ieħor jitkellmu man-negozjanti wieħed, wieħed u jgħidulhom biex iraħħsu l-prezzijiet, illum insibu li n-negozjant spiċċa b'xabla taqta'minn żewġ naħat quddiemu, għax jekk iraħħas il-prezz xi ħadd se jgħidlu li sewwa qalulu li kien qed jabbuża, u jekk ma jraħħsux se jgħidulu li sewwa qalulu li hu kartell! Bl-Ingliż ngħidu 'between a rock and a hard place'! U hemm differenza bejn l-importatur u dak tas-supermarket u tan-negozju. F'ġieħ is-sewwa, qed titlob lin-negozjant iraħħas il-prezz f'mument li għadha kemm ġiet imħabbra ż-żieda għall-għoli tal-ħajja (COLA) ta' €12.81 fil-ġimgħa u f'mument li l-paga minima reġgħet għoliet!

Huwa tajjeb li l-COLA u l-paga minima għolew, però dan ifisser ukoll li qed iżidu l-ispejjeż għan-negozjant. Irridu ngħidu wkoll li mill-bidu ta'

Jannar se tkun qed tiġi introdotta taxxa mill-Unjoni Ewropea fuq l-emissjonijiet. Jien ċert li min hu aġġornat jaf fuqiex qed nitkellem. Dan ifisser ukoll li għal Malta, li tiddependi ħafna fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, l-ispejjeż tal-loġistika se jkomplu jogħlew. Mela f'radda ta' salib, fl-aħħar xahrejn mill-Baġit 'l hawn, in-negozjant Malti jrid jiffaċċja s-sitwazzjoni tal-COLA, tal-paga minima u tat-taxxa fuq l-emissjonijiet, u issa l-isfida fejn il-Gvern qed jgħidlu biex iraħħas il-prezzijiet. Nerġa' ngħid, nawgura lill-Gvern li jsib soluzzjoni biex jiġġieled l-għoli tal-ħajja, però ma naħsibx li l-mod kif qed jipprova jiġġilidlu huwa tajjeb.

Aħna konna tkellimna qabel l-elezzjoni u jista' jsir fond ta' €40 miljun jew €50 miljun biex ngħinu lin-negozjanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjoni u l-esportazzjoni, imma li traħħas il-prezzijiet mhijiex is-soluzzjoni, u se ngħid għalfejn. Jien diġà qed nitkellem man-negozjanti u nassigura lil kulħadd li n-negozjanti ġew f'dan il-Parlament biex ikellmu lili u lill-Onor. Jerome Caruana Cilia. Hu jaf meta ltqajna, xi ġimgħa, ġimagħtejn ilu, u n-negozjant huwa negozjant. Jien naf x'se jagħmel. Se jgħid li jekk iraħħas il-prezzijiet u jonqoslu l-profitt, se jkollu jnaqqas in-nies. Dak hu li jrid il-Gvern? Hekk irridu f'dan il-pajjiż? U se nżid biċċa oħra. Nafu b'dak li qed jiġri bil-loġistika u b'dak li jista' jkun qed jiġri fil-Freeport, u nafu bl-inkwiet. Dan mhuwiex każ fejn qed tkun negattiv, imma każ fejn għandek bżonn tkun realistiku.

Jekk illum hawn Malta għandek negozjant li qed jasallu container bil-vapur kull tliet ġimgħat, jista' jkun li kif se jinbidlu l-affarijiet, minflok jibda jasal kull tliet ġimgħat, jista' jibda jasal kull sitt ġimgħat. Mela jista' jkun li n-negozjant se jkollu bżonn jaħżen iżjed u allura se jkollu bżonn iżjed flus biex jixtri iżjed ħalli jaħżen iżjed. Dan ifisser ukoll li n-negozjant se jkollu bżonn iżjed imħażen, li se jiswewh iżjed flus. Għalhekk ejja noqogħdu attenti x'ngħabbu u x'ma ngħabbux fuq in-negozjant.

Punt ieħor li nixtieq nitkellem dwaru huwa li kien hemm ġimgħa u ġurnata differenza bejn id-Diskors tal-Baġit imwassal mill-Onor. Clyde Caruana u d-diskors tal-Prim Ministru. Il-Prim Ministru fid-diskors tiegħu qal "time up". Dan qalu għat-temping agencies u qalu wkoll għal dawk in-nies li qed jikru l-appartamenti lil 20 jew 30 ruħ f'dan il-pajjiż. Madanakollu, fil-Baġit ma ssib xejn għal dawk in-nies li xtraw appartament u ħadu loan mingħand bank kummerċjali hawn Malta, għax kif kienet l-ekonomija ta' Malta kien jagħmel sens li tixtri appartament, tikrih lil 30 ruħ, takkwista €3,000 fix-xahar u minnhom tħallas €1,200 loan lill-bank u jifdallek €1,800 jew €1,500.

Dak jgħidulu disposable cash, fejn ikollok il-flus ħalli tkun tista' tagħmel kapriċċ, tmur vaganza, toħroġ tiekol mal-familja, ikollok iżjed rasek mistrieħa, għax qisu jkollok paga oħra dieħla, imma jekk dawk it-30 ruħ li qed jgħixu f'dak l-appartament u qed iħallsu €100 kull weħed se jinżlu għal sitta, mhux se jibqgħu jħallsu €3,000 fix-xahar għax il-pagament tagħhom minn €100 fix-xahar ara kemm se jitla'. Nafu x'inhi l-paga ta' dawn in-nies. Mela dawk is-sitta għandhom problema. L-24 ruħ li se joħorġu 'l barra għandhom problema. Jekk dawk is-sitta ma jaffordjawx il-kera, dak li xtara l-flat u għandu self mill-bank għandu problema.

Mela jien qed ngħid f'din il-Kamra u barra minnha li l-Baġit kellu miżuri soċjali tajbin – huwa inutli noqogħdu ngħidu li l-Baġit kollu ħażin, għax mhuwiex kollu ħażin – imma l-Baġit mhuwiex komplut. Hemm ħafna ċirkostanzi bejn dak li qal il-Ministru meta ppreżenta l-Baġit u dak li qal il-Prim Ministru – jien għadni kemm tajt eżempju wieħed – u hemm problemi li mhumiex indirizzati. Issa se ngħaddu l-liġi li ħabbar l-Onor. Andy Ellul, li probabbilment tibda tiġi diskussa f'Jannar, biex nikkontrollaw dak kollu li għandu x'jaqsam mat-temping agencies u mal-importazzjoni tan-nies f'Malta. Jien naqbel li nirregolarizzaw kollox, anzi dak imissna għamilnieh qabel ma kabbarna, għax kieku llum l-affarijiet ma ħarġux mill-kontroll kif ħarġu.

Illum il-Ministru stess fil-preżentazzjoni tiegħu ammetta li lanqas nafu kemm għandna nies jaħdmu Malta minn barra minn Malta. L-argument mhuwiex li wieħed qed imaqdar, imma wieħed qed jgħid li hemm bżonn naraw, għax għal kull azzjoni se jkun hemm reazzjoni u se jkun hemm il-konsegwenzi. Jidher ċar li fil-passat kien hawn kultura fejn ittieħdu ħafna deċiżjonijiet u saru ħafna azzjonijiet, jista' jkun kemm ikun b'intenzjoni tajba – jien nemmen li hemm intenzjoni tajba – però ma tistax tieħu deċiżjoni, tagħmel azzjoni u ma taħsibx fir-riperkussjonijiet tagħha. Illum qegħdin f'dak li qegħdin fejn jidħlu n-nies barranin li jaħdmu f'Malta, għax kien hemm il-ħsieb li rridu nikbru,

imma ma ħsibniex fil-konsegwenzi li se jkun hemm meta nikbru.

Illum se ngħaddu liġi biex nikkontrollaw dak li aħna ħallejna jiġri bla kontroll – u nenfasizza li qed ngħid aħna, għax jien ma nemminx fil-kultura ta' intom u aħna; aħna bħala pajjiż, għax jien jinteressani l-pajjiż – u ma nafux x'inhuma l-konsegwenzi jekk se nnaqqsu n-nies minn 30 għal sitta f'appartament. Ma nafux x'inhuma l-konsegwenzi għal dawk l-24 ruħ li se jitilqu u għal dawk is-sitta li se jibqgħu hemm. Ma nafux x'inhuma l-konsegwenzi għal dawk li qed jikru. Mhux billi ngħaddu l-liġi hawn ġew, għax jekk se ngħaddu l-liġi u ma nimplimentawhiex, jekk se ngħaddu l-liġi biex nidhru gustużi hemm barra, jekk se ngħaddu l-liġi u ma jkunx hemm inforzar, allura se nkunu qed naħlu l-ħin. Issa jekk se ninforzawha, u dan huwa tajjeb li jsir, irridu naraw x'inhuma l-konsegwenzi. U l-konsegwenzi se jiswew il-flus. Dan il-pajjiż diġà qed jippjana biex is-sena d-dieħla u s-snin ta' wara jkabbar id-dejn b'iżjed minn €1 biljun. Huwa inutli li noqogħdu ngħidu li l-ekonomija qed tikber, għax l-ekonomija qiegħda tikber u hemm proġettazzjoni li se tikber b'4.4%, u fl-impjiegi se tikber bi 11,000 ruħ oħra. Hawn jien nistaqsi minn fejn se jiġu dawn, kemm minnhom se nsibu minn barra u x'inhuma r-rwoli. Inutli noqogħdu ngħidu b'kobor ta' 4.4% jekk ma nafux x'se jħallu fil-Kaxxa ta' Malta. Aħna ma nafux jekk dawn il-11,000 ruħ hux se jħallsu taxxa tajba, jekk hux se jikru appartamenti hawn Malta, jekk hux se jinvestu fl-ekonomija Maltija, jew jekk hux se jidħlu darba l-Isptar Mater Dei u dak li jkunu qed iħallsu, se jeħduhulek. Taħsbux li qed immaqdar, imma qed nipprova ngħid li għandu jkollna diskussjoni serja f'dan il-pajjiż, għax dan il-pajjiż ma jistax jibqa' sejjer kif inhu sejjer.

Jien qed nitkellem f'din is-sessjoni minħabba l-Air Malta wkoll. Jien segwejt id-dibattitu li kellna ftit xhur ilu, u hemm affarijiet li qed jinkwetawni. Taqra fil-gazzetti fuq il-konsulenti 'knighthood'. Naħseb li m'hemmx għalfejn nidħol fid-dettall, għax ninsab ċert li l-Ministru jaf x'jien ngħid. Aħna ma nitgħallmu qatt?! Dawn huma n-nies it-tajbin? Jekk huma tajbin, tajbin, imma jekk taqra u ssegwi ssib li meta dawn iż-żewġ persuni ta' knighthood kienu jaħdmu f'Dubai jew l-Arabja Sawdija fl-2017 kienu tkeċċew. Issa dawn kienu ċ-Chief Financial Officer (CFO) u ċ-Chief Executive Officer (CEO) li huma l-iżjed żewġ karigi għolja f'kumpanija. Jien ċert li malli tkeċċew, dawn ħolqu din il-kumpanija u fl-2021 tajniehom €2.4 miljun biex suppost l-Air Malta ma tfallix u xorta wasalna fil-punt li l-Air Malta, ħalli ma ngħidx falliet, imma se nibdluha, għax jien nara l-affarijiet b'mod pożittiv. Imma allura meta għandhom dan it-track record, se nużaw l-istess nies?! Ma nitgħallmu qatt f'dan il-pajjiż!

Issa wasalna għall-1 ta' Diċembru u suppost li s-sistema tal-Air Malta se tibda taħdem. Min se jmur jixtri l-biljetti biex isiefer wara l-aħħar ta' Marzu se jkun qed isiefer bil-linja tal-ajru l-ġdida, però ma nafux xi progress sar fuq is-slots u fuq id-ditta. Għandna noħorġu tender biex id-ditta tinxtara lura. Ma nafux x'inhi s-sitwazzjoni tal-ħaddiema li llum għadhom qed jaħdmu mal-Air Malta eżistenti, għax fil-Baġit hemm kemm se ninvestu għall-Air Malta, u jekk niftakar sew hemm il-figura ta' madwar €200 miljun, però m'hemmx kemm se jiswew lill-poplu dawk in-nies li għadhom jaħdmu mal-Air Malta u se jispiċċaw. Mhux se nkun drammatiku u ngħid li se jispiċċaw bla xogħol, imma dawn se jiswewlna l-flus. Irridu naraw kemm se jiswew ħalli nkunu nafu fejn qegħdin.

Sur President, l-aħħar u mhux l-inqas hemm ir-reklutaġġ, li suppost beda jsir u bdew deħlin in-nies. Irridu nkunu nafu jekk hux kollox miexi kif suppost u jekk l-Air Malta hux se tibda ttir fil-31 ta' Marzu jew fl-1 ta' April. Jien nawgura li ttir u li tkun suċċess għal pajjiżna. Nawgura li jkollna l-konnettività li għandna bżonn bħala pajjiż, u naħseb li ladarba l-mewġa tal-Air Malta tikkalma, meta titkellem man-nies u man-negozjanti jien lest li nagħmillek ftit appuntamenti u lest li niġi miegħek. Qed inkellmek minn hawn bl-irġulija, għax naħseb li hemm skop li nisimgħu mingħand in-nies u mingħand l-importaturi kemm tista' titjieb l-Air Malta u kemm nistgħu nagħmlu affarijiet bl-Air Malta jekk tibda tiffoka wkoll fuq il-merkanzija. Hemm ħafna potenzjal li forsi m'aħniex nagħtu kasu. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, illum se nkun qed nitkellem fuq in-nofs l-ieħor ta' dan il-Ministeru, jiġifieri l-impjiegi u x-xogħol. Illum għandna diversi sfidi x'negħlbu fid-dinja tax-xogħol, u għalhekk irridu naraw jekk wasalx iż-żmien li nevalwaw mill-ġdid profondament l-

istrateġija tagħna dwar l-inċentivazzjoni tal-investiment. Naraw jekk wasalx iż-żmien li ssir reviżjoni radikali fis-sistema edukattiva u jekk għandniex nieqfu nitkellmu dwar il-ħolqien ta' aktar impjiegi u nibdew nitkellmu aktar fuq impjiegi f'setturi speċifiċi.

Irridu naraw kif nistgħu nirranġaw il-bażi tal-ħiliet eżistenti, b'mod speċjali ta' dawk il-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll ta' dawk barranin f'industriji bħall-iGaming u l-farmaċewtika biex nistabbilixxu lil Malta bħala ċentru żgħir Ewropew ta' eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali, fil-Bioteknoloġija, u aktar. Forsi nistgħu ngħinu wkoll lin-negozji billi naraw li l-ħiliet tal-ħaddiema jilħqu l-miri li hemm bżonn biex inkunu iżjed produttivi u kompetittivi u noħolqu dak il-valur miżjud li dejjem nitkellmu fuqu imma s'issa għaddejjin bl-i*status quo*.

Dawn l-għażliet u d-deċiżjonijiet iridu jsiru. Il-miri tagħna bħala pajjiż iridu jkunu s-sostenibbiltà u ż-żieda fil-produzzjoni – imma mhux billi ngħakksu lill-ħaddiem u nagħmluh skjav – u fuq livell globali nkunu kompetittivi, anke jekk is-sehem tagħna huwa żgħir. Din hija silta mill-introduzzjoni tad-dokument li ħarġu l-EY fil-konferenza tagħhom. Silta li verament laqtitni u ħassejt li kieku nżommu dawn il-miri quddiem għajnejna u naraw dak li qed isir attwalment, nemmen li nistgħu nilħqu l-miri tagħna u negħlbu l-isfidi li għandna.

Affarijiet oħra li qalu l-EY fir-rapport tagħhom huma li għandna 69 Foreign Direct Investments (FDI) li mhumiex qed isibu l-ħaddiema mħarrġin li għandhom bżonn biex jaħdmu. Minnhom, 64% qegħdin jgħidu li l-kwalità tar-riżors uman se tkun qed tinfluwenza l-investiment tal-futur u ammont esaġerat qed jgħidu li għandhom bżonn mhux ħaddiema mħarrġin biss, imma ħaddiema b'ħiliet ogħla, għax ovvjament aħna wkoll irridu nlaħħqu mal-miri li ġejjin fil-futur.

Issa se mmur għal sfida oħra li għandna; l-Emissions Trading Scheme (ETS) Directive. Onestament din il-ħaġa qed tinkwetani u qed tinkwieta lil ħafna u nixtieq li fl-opportunità li għandu l-Ministru jispjegalna ftit x'inhuma s-soluzzjonijiet tal-Gvern biex negħlbu din is-sitwazzjoni. Pereżempju, naraw kif dan se jaffettwa x-xogħol u l-impjiegi f'pajjiżna. Għandek negozju bl-imnut jew bl-ingrossa jew attività oħra hawn Malta li qabel kien iġib container dirett miċ-Ċina jew minn Singapore u kien jiġih, għall-argument, €2,000. Mela kien jaf li biex iġib dan il-container miċ-Ċina għal Malta bħala materja prima bl-ispża ta' €2,000 se jkun qed jinqeda.

Bis-sitwazzjoni li ġejja, il-probabbiltà hi li dan mhux se jibqa' l-istess. Dan mhux qed ngħidu jien imma qaluh l-esperti lbieraħ f'wieħed mill-ġurnali ewlenin, u minn hawnhekk insellem lil Dr Anne Fenech li ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar din is-sitwazzjoni. Mela l-container jitlaq minn Singapore, jidħol f'port fl-Afrika ta' Fuq, jiġifieri xorta għandu l-ispiża ta' €2,000, għandu spiża addizzjonali ta' €500 biex ikun hemm feeder vessel li jieħdu minn dak il-port għall-Freeport ta' Malta, għandek id-dewmien taż-żmien, għandek it-taxxa tal-emissjonijiet u għandek iż-żieda fl-assikurazzjoni, għax din, Alla jbierek, ħadd ma jsemmiha.

Dan huwa prezz verament għoli, għax jekk għandek ċaqliq doppju tal-container, ovvjament l-assikurazzjoni se tkun ogħla, u jekk il-port huwa ta' riskju għoli – jiġifieri hemm probabbiltà li dan il-container jisparixxi – ir-rati tal-assikurazzjoni se jogħlew, u mhux bi ftit. Dan huwa kollu piż fuq min se jkun qed iġib il-container, li se jkun qed jirrifletti fuq il-konsumatur. Jekk tistaqsi jekk dan setax jiġi evitat, jien ngħidlek li seta' jiġi evitat. Kieku għandna nies fl-Unjoni Ewropea li huma tekniċi, setgħu jaqbdu din il-ħaġa minn kmieni u jmorru hemmhekk bid-data, mhux bil-paroli, u nkunu qed nuruhom x'telf se jkun hawn. Allura stajna negħlbu dan l-inkwiet.

Jiddispjaċini nisma' nies min-naħa tal-Gvern, b'mod speċjali MEPs, li b'xi mod jew ieħor qed jipprovaw jippontaw subgħajhom lejn l-MEPs tal-Partit Nazzjonalista, jiġifieri David Casa li nsellimlu minn hawnhekk u Roberta Metsola li nsellmilha wkoll, li tgħidx kemm aħna kburin bihom it-tnejn. Bir-rispett kollu, dan il-ballun kien f'saqajkom u l-Kunsill tal-Ministri vvota favur. Mela nkunu daqsxejn serji qabel ma nibdew nixxuttjaw il-ballun f'saqajn l-MEPs tal-Partit Nazzjonalista meta, bir-rispett kollu, il-ballun kien f'saqajkom u intom stajtu tiġbdu l-attenzjoni fuqha.

Jien ma xtaqtx nagħmel ballun politiku minn dan, għax huwa suġġett nazzjonali, imma bir-rispett kollu, jew se nkunu serji, jew inkella se nipprovaw noqogħdu nippontaw subgħajna lejn

xulxin. In-nies soluzzjonijiet iridu u mhux li nippontaw subgħajna lejn xulxin, għax dak huwa ġest infantili. Nixtieq inkun naf x'se jkun qed jagħmel il-Ministru biex jindirizza dawn l-isfidi li għandna quddiemna għax dawn mhumiex sfidi żgħar. Dawn jistgħu jikkrollaw l-ekonomija, jistgħu jtellfu ħafna impjiegi u jista' jkollhom effett fuq is-setturi ġodda ta' impjieg li dan il-Gvern qed jgħid li qed jimmira li jiftaħ.

Għalhekk nistaqsi, Sur President: X'se jkun il-pjan tal-Gvern biex jagħmel diversifikazzjoni tal-industrija u tal-investiment? Ovvjament, issa mhux biss l-istabbiltà tal-ikel hemm fin-nofs, li huwa essenzjali, imma tal-materja prima wkoll. Għaldaqstant irridu naraw kif se jiġu affettwati l-investiment u l-manifattura, kif se nindirizzaw din l-isfida, x'se jkunu r-riperkussjonijiet fuq l-impjiegi u jekk, allaħares qatt, hemmx possibbiltà li jintilfu l-impjiegi. F'ġieħ is-sewwa, ejja nkunu serji! Hawn qed nitkellmu fuq 30 ġurnata oħra. Fl-1 ta' Jannar se tibda t-taxxa fuq l-emissjonijiet, u għalhekk irridu nkunu ppreparati. In-nies u n-negozji qed jistennew ir-risposti.

Sur President, issa ngħaddi għal daqsxejn statistika fuq l-iskills gap, is-soft skills gap, l-iskills gaps kollha li għandna f'pajjiżna u li ilna s-snin nitkellmu fuqhom u t-tbassir dwar l-istess ħiliet. Il-Gvern għamel sondaġġ dwar il-ħiliet li għandu bżonn f'pajjiżna u jien kont wieħed minn tal-ewwel li faħħart din l-inizjattiva għax kienet bżonjuża. Però wara sena, bir-rispett kollu, dan is-sondaġġ għadda żmienu. Ma ħdimniex fuqu, ma rajniex xi stajna nieħdu minnu u m'għamilniex dak li hemm propost fin-National Employment Policy, jiġifieri li fl-istess waqt li għaddej dan is-sondaġġ, nagħmlu sondaġġ ieħor biex naraw x'għandna bżonn. Dan ma jistax isir darba biss u ninsewh, imma jrid isir kontinwament.

Il-produttività f'pajjiżna hija aktar baxxa mill-medja fl-Unjoni Ewropea. Daħħalna kemm jista' jkun ħaddiema f'dan il-pajjiż ladarba kienu bżonjużi. Mela żdiedet il-popolazzjoni, żdiedu l-ħaddiema, skont l-indiċi dwar il-kompetittività tal-EY għolew il-pagi f'ċerti setturi u f'setturi oħrajn m'għolew xejn – din se nkun qed nindirizzaha wkoll – u l-produttività naqset. Dan ma jagħmilx sens, għax dan ifisser li m'aħniex qed nindunaw li għandna problema.

Fil-każ ta' dawk il-pensjonanti li jibqgħu jaħdmu, l-inċentivi biex noħorġu iżjed pensjonanti jaħdmu huma tajbin, però hemm żewġ konsiderazzjonijiet li wieħed irid iħares lejhom. Ma narahiex ġusta li ħaddiem li għandu aktar minn 65 sena li ddeċieda li jkompli jagħti servizz u jgħin lil pajjiżu, m'għandux sick leave. Dan qed jaħdem l-istess sigħat bħal ħaddieħor, qed jagħmel l-istess xogħol bħal ħaddieħor, però m'għandux sick leave għax jieħu l-benefiċċju tal-pensjoni li ħadem għaliha. Din mhux qed jagħtuhielu bħala rigal, imma ħadem għaliha. Din ma tagħmilx sens, u jien diġà semmejtha darbtejn, imma ma ġietx indirizzata. Fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali hemm stipulat li persuna tista' tibbenefika minn benefiċċju wieħed biss u jekk tibbenefika mill-benefiċċju tal-pensjoni, ma tkunx tista' tieħu sick leave għax huwa benefiċċju ieħor.

Aħna ngħidu li nippremjaw lill-bieżel. Nippremjaw lill-bieżel meta kilnielu l-COLA?! L-employers qed jgħidu li għandhom ħaddiema li kif qiegħda r-rata tat-taxxa fuq l-overtime – u nirrikonoxxi li dan il-Gvern irranġa r-rata tat-taxxa fuq l-overtime – għandhom problema bil-ħaddiema li mhux qed jaċċettaw li jagħmlu overtime għax ir-rata ta' taxxa togħla wara ċertu ammont ta' sigħat. Din nistgħu nirranġawha billi nagħmlu rata fissa ta' taxxa fuq l-overtime. Din kienet waħda mill-proposti tagħna u tagħmel sens. Għandna problema bil-manpower u nistgħu nindirizzawha billi nagħmlu rata ta' taxxa fissa, għax in-nies mhux qed jagħmlu overtime u qed imorru jagħmlu part-time. Is-sigħat xorta qegħdin hemm, imma dawk in-negozji li għandhom nies tajbin mhux qed ikomplu bix-xogħol wara l-ħin, meta din stajna nindirizzawha faċilment billi nneħħu l-capping.

Jidher li 50% tal-ħaddiema bejn 61 sena u 65 sena mhumiex attivi u hawnhekk kellna opportunità tad-deheb. Aħna, bħala partit, konna ħriġna bil-proposta li min għandu 61 sena u jrid ikompli bix-xogħol tiegħu, inħeġġuh biex ma joħroġx bil-pensjoni għax għandu l-40 sena bolol imħallsin, imma ninċentivawh billi nagħtuh parti mill-pensjoni li tiżdied kull sena bejn 61 sena u 65 sena.

Issa rrid insemmi lil dawk il-ħaddiema b'ħiliet bażiċi nieqsa u mingħajr kwalifiki. Il-fatt li 41.5% tal-ħaddiema qegħdin f'impiegi bi dħul baxx huwa ammont esaġerat. Qed ngħidu li hawn ix-xogħol u li hawn livell ta' qgħad baxx, imma mbagħad issib li 41.5% ta' dawn il-ħaddiema qed jaħdmu f'impiegi bi dħul baxx. Din hija

sitwazzjoni inkwetanti immens. Hawn se nsemmi l-Jobsplus li joffru ħafna korsijiet tajbin imħallsa mill-Unjoni Ewropea u nħeġġiġhom biex iżidu dawn il-korsijiet, filwaqt li l-Gvern jagħti inċentivi biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu sehem fihom.

Sur President, hemm 22,663 persuna li qalu li ma jaħdmux u mhux qed jagħtu sehem fid-dinja tax-xogħol minħabba nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ. Għandna sors ta' kapital ta' ħaddiema li qed jgħidulna li mhux qed jieħdu sehem fid-dinja tax-xogħol għax m'għandhomx l-edukazzjoni u t-taħriġ neċessarju biex isibu xogħol addattat. Dawn il-figuri qed neħodhom mill-ewwel kwart tar-Rapport tal-NSO tal-2023, jiġifieri jekk wieħed ikun irid jindirizzahom, jista' jindirizzahom.

Issa se nitkellem ftit dwar in-National Employment Policy, li huwa dokument tajjeb. Jien din għedtha kemm-il darba, però meta staqsejt lill-Ministru permezz ta' mistoqsijia parlamentari kemm implimentajna minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet tan-National Employment Policy 2021/2030, hu wieġeb li għamilna sebgħa minn 40. Nispera li hemm żball! Kif jista' jkun li niġu hawnhekk nifirħu u ngħidu li għandna partit tal-ħaddiema meta għamlu seba' biss mir-rakkomandazzjonijiet? Dawn minn tagħhom stess, jiġifieri suppost kienu ppjanati, u nispera f'Alla li kien hemm xi forma ta' Gantt chart fejn qed ngħidu li dan se nagħmluh din is-sena u dak se nagħmluh is-sena ta' wara. Però sebgħa minn 40 huwa ftit wisq! F'din il-policy jissemma wkoll il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet. Hawnhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Onor. Charles Azzopardi u lill-Onor. Justin Schembri li qegħdin jaħdmu flimkien rigward dan il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet.

Meta tagħmel ftit riċerka, Sur President, issib li l-liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet saret fl-2016. Jiġifieri suppost, fuq wegħda tal-Partit Laburista, dan il-Kunsill kellu jitwaqqaf fl-2016, imma mill-2016 sal-2022 ma sar assolutament xejn, u jekk sar, m'għandna xejn fuqiex nitkellmu. Jien għamilt seba' mistoqsijiet parlamentari lill-Ministru fejn staqsejtu x'xogħlijiet saru bejn l-2016 u l-2022, u f'kollha weġibni li se jagħti t-tweġiba f'seduta oħra.

Bażikament, ma sar xejn u naf li ma sar xejn għax huma stess ħarġu jiddikjaraw fuq il-portal tal-edukazzjoni li se tibda l-ħidma biex tiġi żviluppata strateġija nazzjonali għall-ħiliet. Mela għadna se nibdew! Ilna nafu b'din il-problema s-snin, il-liġi ilha maħruġa mill-2016 u għadna se nibdew! Bir-rispett kollu, ma nistgħux niġu hawn u nipprovaw inbellgħu r-ross bil-labra lill-poplu li għandna strateġija u nafu x'se nagħmlu, meta għadna se nibdew nipprovaw insibu s-soluzzjonijiet!

Jerġa', lanqas għandna informazzjoni bażika fuq il-barranin li qed inġibu f'pajjiżna. Jien għamilt mistoqsija parlamentari lill-Ministru fejn staqsejtu kemm, minn fost il-barranin li qed jiġu hawn Malta, barra mill-EU u mill-Unjoni Ewropea - però l-aktar li kkonċentrajt fuq dawk barra mill-EU - għandhom edukazzjoni primarja, sekondarja, postsekondarja u terzjarja. Naħseb li din hija informazzjoni bażika li għandek tkun tafha wara li għamilna sondaġġ fuq il-ħiliet. Il-Ministru weġibni hekk:

> "Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li Jobsplus m'għandhiex din id-data."

Mela jekk lanqas għandna l-informazzjoni dwar x'ħiliet għandhom u xi grad għandhom fl-edukazzjoni dawn il-ħaddiema, kif jista' jkun nippjanaw li għall-quddiem noħorġu sistema abbażi ta' punti meta lanqas nafu x'għandna f'idejna bħalissa? Hija idea tajba li mhux qed immaqdar. Fil-fatt kienet idea li ħriġna biha aħna. Jekk tara l-proċedura tal-SAA li konna qegħdin nipproponu aħna, issib li dik hi. Il-ħasra hija li s'issa għad m'għandna xejn.

Rigward iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni staqsejt lill-Ministru x'inhu l-pjan tiegħu biex nibdew inrażżnu l-popolazzjoni, għax skont l-istatistika uffiċjali għandu jkun hemm 1,600 kull kilometru kwadru, mentri meta tara l-informazzjoni li qed jagħti l-Gvern issib li hemm 1,700 kull kilometru kwadru. Iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni qed tħalli effett fuq il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Jekk hemm bżonn il-ħaddiema, jien dejjem kont insostni li għandek għażla jiġifieri jew iċċekken il-popolazzjoni jew iċċekken it-tkabbir ekonomiku, li mhuwiex il-każ. Inti tista' tkabbar l-ekonomija billi tinvesti f'ħaddiema aktar produttivi u aktar imħarrġa u setturi ta' valur miżjud, kif qal l-Onor. Ivan J. Bartolo lbieraħ.

Aħna għalhekk qed ngħidu li għandna nżidu l-impjiegi, imma nżidu l-impjiegi ta' valur miżjud fejn inħarrġu ħaddiema Maltin u Għawdxin u

nġibu ħaddiema barranin bil-ħiliet ta' kwalità u mhux il-kwantità, u nutilizzawhom f'dawk is-setturi fejn il-pagi jkunu aħjar, fejn tista' tkabbar l-ekonomija, u mhux ikollna dipendenza totali fuq iċ-cheap labour li kellu effett orribbli fuq l-infrastruttura ta' pajjiżna. Mhux se nidħol fil-merti għax diġà semmejniehom kemm-il darba, fosthom l-isptarijiet, l-edukazzjoni u t-toroq, fost oħrajn. Jekk tibda lanqas tieqaf!

Sur President, se naqbeż fuq xi ħaġa li għalija kienet importanti, u aħjar naqbad u nsemmiha għax inkella mhux se nlaħħaq. Dan hu l-gideb u l-ispin tal-Partit Laburista li qed jipprova jċekken lil din in-naħa tal-Kamra – l-Onor. Jerome Caruana Cilia semmieha din il-ħaġa – u jieħu snippets biex jagħti l-impressjoni li din in-naħa tal-Kamra qed ngħidu xi ħaġa li fil-verità mhux qed ngħiduha. Hija perikoluża ħafna li l-Prim Ministru tal-pajjiż jiġi f'din il-Kamra – nerġa' ngħid, hija perikoluża ħafna – jipponta subgħajh u jipprova jagħti wieħed x'jifhem li aħna ta' din in-naħa tal-Kamra, b'xi mod, irridu noħolqu xi firda bejn il-Maltin u l-barranin. Din hija l-akbar gidba li qatt smajt kemm ili f'din il-Kamra. Hija perikoluża ħafna li jagħmlu insinwazzjonijiet bħal dawn biex minflok jaraw kif se jsolvu l-problema li ħolqu huma stess, jiddevjaw għax ma jkunx għad għandhom soluzzjoni għal dik il-problema.

Sur President, jipprovaw iwaħħlu fl-Oppożizzjoni minflok jgħidulna x'inhuma s-soluzzjonijiet! Minn diskors ta' 35 minuta, jagħmlu 30 minuta jipprovaw iċekknu lill-Oppożizzjoni! Pastażata! Jiddispjaċini ngħid, imma hija pastażata! Din isbaħ! Qed jgħidu li l-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech qal li huwa importanti li l-carers u l-infermiera barranin ikunu jafu l-Malti, meta fil-Health Workforce Strategy 2022/2030 huma stess kitbu li l-barranin iridu jitgħallmu l-Malti! Huma stess kitbuha din, imbagħad jipprovvaw iċekknu lill-Oppożizzjoni! Kemm jistgħu jaqgħu aktar fil-baxx! Jiddispjaċini ngħid imma dak li jgħidu huma stess jipprovaw jitfgħuh fuq l-Oppożizzjoni.

Niġi issa għall-paga medja u kemm hemm nies li ma jaqbduhiex.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ippermettili, Onor. Castillo, skada l-ħin għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, mela ppermettili nitlob il-permess biex inqiegħed id-dokumenti li rreferejt għalihom waqt id-diskors tiegħi fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Dokument bl-isem 'Health Work Force Strategy 2022 – 2030', maħruġ mill-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa, datat Mejju 2022;
>
> Mistoqsija Parlamentari 7724 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'National Employment Policy 2021 - 2030' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Onor. Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol fis-Seduta 111 tat-18 ta' April 2023;
>
> Mistoqsija Parlamentari 12229 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Ħaddiema mhux tal-UE – Livell Edukattiv' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana, fis-Seduta 155 tas-16 ta' Ottubru 2023;
>
> Mistoqsija Parlamentari 13430 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Ħidma annwali' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, fis-Seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023;
>
> Mistoqsija Parlamentari 13431 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Ħidma annwali' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Onor. Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-Seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023;
>
> Mistoqsija Parlamentari 13432 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Laqgħat' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton

Grima, fis-Seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023;

Mistoqsija Parlamentari 13433 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Membri' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, fis-Seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023;

Mistoqsija Parlamentari 13434 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Rappreżentanti tas-suq tax-Xogħol' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, fis-Seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023;

Mistoqsija Parlamentari 13435 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Strateġija' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, fis-Seduta 176 tal-21 ta' Novembru 2023;

Mistoqsija Parlamentari 13436 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet – Strateġija' magħmula mill-Onor. Ivan Castillo u mwieġba mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, f'Seduta 176 tal-21 ta' Novembru 2023;

Leġiżlazzjoni Sussidjarja 605.10 – Ordni dwar it-Twaqqif tal-Kunsill għal Ħiliet Nazzjonali, ippubblikata fid-9 ta' Awwissu 2016;

Screenshot tal-paġna ta' *Facebook* tal-Ministeru tal-Edukazzjoni;

Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fl-24 ta' Ottubru 2023 bl-isem: 'Finance Minister: We cannot keep importing workers at current rates'; u

Labour Force Survey: Q4/2022 maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NSO) News Release 044/2023 datat 13 ta' Marzu 2023.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Tista' tkompli bid-diskors tiegħek. Għandek 30 sekonda biex tikkonkludi.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, nagħlaq billi ngħid li f'dan il-pajjiż hemm bżonn naffrontaw l-isfidi li għandna. Naħseb li għadda ż-żmien li noqogħdu nippontaw subgħajna lejn xulxin. Għandna l-problemi u aħna ta' din in-naħa tal-Kamra għandna s-soluzzjonijiet. Ejja nagħmlu diskussjoni serja biex noħorġu bis-soluzzjonijiet mhux għal-lum jew għal għada imma għall-futur ta' pajjiżna. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. L-Oppożizzjoni ħadet minuta żejda, allura anke n-naħa tal-Gvern se jkollha minuta żejda.

Rimarki? L-Onor. Omar Farrugia.

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, żgur li se nieħu atteġġjament totalment differenti minn dak li għadna kemm smajna fis-siegħa u nofs li għaddew. Xtaqt nagħmel analizi tal-aktar policy importanti ta' dan il-Gvern f'dawn l-aħħar sentejn, jiġifieri s-sussidju tal-enerġija u tal-fuels. Ħalli nibda bil-fuels. Illum pajjiżna jħallas prezzijiet ta' €1.34 għall-petrol u €1.21 għad-diesel.

Sur President, hawnhekk nitlob il-permess sabiex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-prezzijiet li hemm illum fl-Ewropa sa dalgħodu stess.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> "Artiklu li deher fuq is-sit online *cargopedia.net* fl-20 ta' Novembru 2023 bl-isem 'European Fuel Prices."

Sur President, fl-Italja qed iħallsu €0.48c iżjed għall-petrol u €0.59c iżjed għad-diesel. Ma' kull €20 diesel li tagħti lill-karozza, trid iżżid madwar €10 oħra. Fis-settur tal-elettriku l-istess ħaġa.

Kieku mhux għall-passi li ħadu l-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Enerġija, kieku l-familji u l-industriji qegħdin iħarsu lejn falliment bil-kontijiet għoljin u konna nkissru dak kollu li bnejna tul dawn l-aħħar għaxar snin. Għall-industriji li huma energy intensive, dawn jistgħu jkunu d-differenzi bejn il-profitt u t-telf. Kif intqal fil-*Pre-Budget Document*, li tagħna ħareġ u ta' ħaddieħor għadna qed nistennewh, il-Gvern immexxi mill-Onor. Robert Abela qed jinvesti €329 miljun f'sussidji bħala appoġġ għall-familji għall-prezzijiet tal-enerġija. Il-Pre-Budget Document ippubblikat mill-Gvern iwitti t-triq għal baġit bi spjegazzjoni u analizi tas-sitwazzjoni ekonomika ta' pajjiżna.

L-inqas ħaġa li setgħet tagħmel l-Oppożizzjoni kienet li jkollha Pre-Budget Document bażiku biex dak li jkun jipprova jifhem x'alternattiva jista' jkollu l-poplu. Imma l-Baġit ġie u mar, ir-repliki saru, u minkejja l-wegħdiet fiergħa tal-Oppożizzjoni, din il-viżjoni ta' eċċellenza baqgħet ma waslet qatt u sa dalgħodu stess ma rajnihiex! Mhux talli hekk, talli għadna sal-lum ma nafux kemm se jkun it-tkabbir ekonomiku li qed jgħidu li se joħolqu minflok it-tkabbir ekonomiku bla preċedent li kellna fl-aħħar għaxar snin, u x'se jagħmlu differenti minn dan il-Gvern li kulma jmur qed ikompli jattira investimenti u start-ups ġodda lejn dan il-pajjiż, kif għadna kemm rajna matul il-ġimgħa li għaddiet f'Għawdex. Kif tista' qatt temminhom? Il-poplu Malti llum jgħid li ma jafx lil min irid ikellem jew iċempel għal dawn it-tip ta' pariri mill-Partit Nazzjonalista iżda n-numri jitkellmu waħedhom.

Ejja nħarsu lejn ir-rata ta' tkabbir tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea. Sur President, hawnhekk nitlob il-permess sabiex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-tbassir għall-istaġun tal-ħarifa ppubblikat riċentement mill-Kummissjoni Ewropea.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Dokument bl-isem 'Autumn 2023 Economic Forecast: A modest recovery ahead after a challenging year' maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea.

Dan juri li l-Unjoni Ewropea rat tkabbir ta' 0.6% filwaqt li pajjiżna fl-ewwel sitt xhur ra tkabbir ta' 4.4%.

Jien konvint illi kieku ma ħadniex dawn id-deċiżjonijiet kontra l-pariri tal-Kummissjoni Ewropea stess, kieku llum m'għandniex it-tkabbir ekonomiku li qegħdin nesperjenzaw. Kieku llum ma setax ikollna Baġit ieħor li jaħseb aktar f'dawk li għandhom bżonn u li se jkompli jagħti żidiet b'ħemel ta' miżuri, fosthom taċ-children's allowance u oħrajn. Kien ikollna kriżi mwielda mill-awsterità li rajna bħalha biss meta kien hemm il-Partit Nazzjonalista fil-gvern, kriżi sinonima ma' ideoloġija ta' dak li jħaddan il-Partit Nazzjonalista, li kif jaraw daqsxejn maltemp ġej fuq pajjiżna, jagħmlu tajjeb għalih il-ħaddiema u t-taxpayers li jkollhom dħul baxx.

Hemm sens wara l-Membri differenti tal-Unjoni Ewropea li jkollhom strateġiji differenti, inkluż pajjiżna, għax fejn għandek ekonomija bħal ta' Malta li għadha 'l bogħod mill-maturità u allura għad hemm spazju biex naraw rata ta' tkabbir ta' 4.4%, pajjiżi Ewropej oħrajn qegħdin isibuha diffiċli. Anke kieku offrew l-istess appoġġ, xorta diffiċli ħafna biex jilħqu rata ta' tkabbir ta' 4% minħabba li l-ekonomija bħal dik Taljana jew dik Franċiża hija iżjed immatura u tqila fiċ-ċirkostanzi partikolari.

Evidenza ta' dan kollu hija l-Ġermanja, fejn l-appoġġ kien konsiderevoli, imma xorta jafu jagħlqu l-2023 fl-ilmijiet tal-medja Ewropea u ferm 'il bogħod mir-riżultati ta' pajjiżna. Apparti minn dan kollu, pajjiżna għandu Debt to GDP Ratio ferm inqas minn dik tal-pajjiżi Ewropej. Pajjiżna saħansitra qiegħed ferm inqas mis-60% massimu li suppost jirrispettaw il-pajjiżi Ewropej. Hawn nasal għar-rimarki tal-Unjoni Ewropea u l-International Monetary Fund (IMF) fejn qalulna li għandna nnaqqsu s-sussidji u ngħollu l-kontijiet.

Fuq din nifhem li l-politika ekonomika tal-Unjoni Ewropea trid tkun konsolidata iżda l-one-size-fits-all ta' Brussell, aktar iva milli le, tieqaf milli tqis iċ-ċirkostanzi ta' pajjiż żgħir bħal tagħna. Kieku pajjiżna għandu rata ta' dejn għolja kkomparata mal-GDP, forsi kont nasal biex nifhem ftit l-argument, imma meta Malta għandha fost l-iżgħar rati ta' dejn u meta wieħed

iħares lejn l-ekonomija li qed tkompli tikber b'din ir-rata, ma nistgħux nibqgħu b'ħalqna magħluq u ma ngħidu xejn. Le, din ma naċċettahiex! Sakemm l-ekonomija tagħna qiegħda tikber b'rata sostanzjali, m'għandniex inħallu lil Brussell jiddeċiedu li ngħollu l-kontijiet tad-dawl. Kien ikollhom raġun jgħidu li s-sussidji mhumiex sostenibbli kieku pajjiżna m'għandux pjan sħiħ u dettaljat dwar l-enerġija.

L-enerġija alternattiva, it-tieni interconnector, il-proġetti fiż-Żona Ekonomika Esklużiva, it-trasformazzjoni tal-iskart f'enerġija u aktar, huma pjan sħiħ ta' kif pajjiżna se jkompli jnaqqas id-dipendenza tiegħu fuq il-prezzijiet internazzjonali, pjan li jikkonsolida dak li għamel il-Partit Laburista f'dan is-settur wara l-2013, l-aktar permezz tar-roħs fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Li tgħolli l-kontijiet bħalissa, meta l-ekonomija madwar id-dinja qed tirkupra minn ħafna instabbiltà, tkun daqqa ta' ħarta għall-familji Maltin u Għawdxin u għal dawk in-negozji li tant jiddependu fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-jedd li pajjiżna jiddeċiedi fuq dawn il-materji jibqa' importanti ferm.

Ftit tal-jiem ilu rajna proposta grotteska tgħaddi bi żbrixx fil-Parlament Ewropew. Qed nirreferi għall-Vot 16 tat-22 ta' Novembru intitolat *Proposals of the European Union for the Amendment of the Treaties*. Dawn il-proposti li għaddew mill-Parlament Ewropew għandhom jixxokkjaw pajjiż żgħir bħal Malta, għax jitlef id-dritt sagrosant li jiddeċiedi fuq materji daqstant importanti, tant li l-pajjiżi kbar jibqgħu għaddejjin minn fuqna u l-probabbiltà tkun li ma jkollniex Kummissarju Ewropew Malti fil-Kummissjoni Ewropea. Diġà hemm pajjiżi żgħar li qed jipprotestaw bil-qawwa kontra dawn il-proposti, fosthom l-Estonja. Hawn se niċċita dak li ġie kkwotat li qal il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Estonja:

> "The Estonian government believes the treaty should not be opened today. We must never give up the principle of unanimity, which gives the Estonian state weight and a seat at the table. I think we can also manage in the future by respecting this principle. We are against amending the Treaty and abolishing unanimity. We make it clear that unanimity matters."

Sur President, nitlob il-permess sabiex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Karma s-sors ta' din il-kwotazzjoni ferm b'saħħitha, kif ukoll l-istqarrija tal-Parlament Ewropew wara dan il-vot li għadda b'maġġoranza żgħira, imma li xorta għadda.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online *news.err.ee* fil-25 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Estonia does not want to amend EU treaties';
>
> Artiklu li deher fuq is-sit online tal-Parlament Ewropew fit-22 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Future of the EU: Parliament's proposals to amend the Treaties'.

Biex nagħti ftit kontest, l-Unjoni Ewropea taħdem f'diversi oqsma bil-prinċipji tal-unanimità. Malta, żgħira kemm hi żgħira, fi Brussell għandha dak li jissejjaħ VETO. Dan il-fatt lilna jagħtina saħħa fil-vuċi tagħna, u allura jridu jagħtu kasna, speċjalment fil-Parlament u fil-Kunsill Ewropew. Jekk pajjiż żgħir iħoss li mhuwiex stmat jew li l-pajjiżi l-kbar qed jgħaddu minn fuqu, dak il-pajjiż għandu l-VETO u hemm bżonn il-vot tiegħu biex jgħaddu affarijiet importanti. Għalhekk, bla ma trid, pajjiż żgħir trid tagħtih l-importanza tiegħu.

Issa jekk dawn il-proposti li għaddew mill-Parlament Ewropew jidħlu fis-seħħ, pajjiżna ma jibqax ikollu s-saħħa fil-vuċi tiegħu fl-Unjoni Ewropea. Ikollna l-bandiera ta' pajjiżna tperper barra l-istituzzjonijiet, imma fil-verità bil-Qualified Majority Voting (QMV) minflok ikollna l-unanimità, pajjiżna jkun biss numru, għax il-kbar jiddeċiedu kollox bejniethom u din il-proposta tpoġġi lil Malta bħala pajjiż tat-tieni klassi fejn jitlef is-sovranità tiegħu. Il-proposta tgħid li l-QMV għandu jidħol fis-seħħ fi 63 qasam fejn illum hemm l-unanimità. Il-QMV tfisser li jrid ikollok 65% tal-vot bi proporzjon tad-daqs tal-popolazzjoni tal-pajjiżi, u dan ifisser li aħna niġu insinifikanti.

Dan il-vot mhuwiex ugwali għal kull pajjiż, għax vot ta' pajjiż kbir jiswa iżjed minn vot ta' pajjiż żgħir, u allura l-vot ta' Malta jiġi insinifikanti. Dan huwa każ klassiku fejn irid ikollna s-

sovranità tagħna fid-deċiżjoijiet fuq il-kwestjoni li tkellimt dwarha qabel. Illum għandna sitwazzjoni fejn l-Unjoni Ewropea mhux qed tagħraf iċ-ċirkostanzi tal-ekonomija ta' pajjiżna fil-qasam tas-sussidji tal-enerġija. Kieku dawn il-proposti jaraw id-dawl tax-xemx, pajjiżna jkollu vuċi dgħajfa mhux biss fuq dawn il-materji iżda wkoll fuq affarijiet ta' natura finanzjarja u ekonomika, fost oħrajn.

L-appell tiegħi hu li niflu sew dawn it-tip ta' proposti. Pajjiżna mexa 'l quddiem meta kellu t-tmun f'idejh. L-istorja turina kif meta konna taħt l-influwenza barranija, pajjiżna baqa' lura. L-ispirtu tal-Unjoni Ewropea dejjem iħaddan il-prinċipju tal-kompromess. L-ispirtu tal-Unjoni Ewropea għandu jkun li l-pajjżi l-kbar jaħdmu f'sens ta' rispett u kunsens maż-żgħir. Nappella lill-Membri tal-Parlament Ewropew Maltin, speċjalment lill-President tal-Parlament Ewropew, biex titkellem kontra dawn it-tip ta' ideat li jien insejħilhom ġennati li jkissru l-futur tal-Maltin u l-Għawdxin, ħalli dawn it-tip ta' ideat jiġu maqtula darba għal dejjem meta jiġu għad-diskussjoni fil-Kunsill, il-fora fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri. B'dawn il-proposti, il-Parlament Ewropew qed isaħħaħ l-id ta' moviment ta' politiċi anti-Ewropej fi żmien meta dawn qed jimxu mit-trufijiet tal-politika direttament għas-siġġu tal-poter, kif rajna fl-aħħar ġimgħat fl-Olanda.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li m'għandniex inħallu lil Brussell jippressana fuq is-sussidji u jwassalna għal xi deċiżjoni li tfisser kontijiet għolja fuq il-familji Maltin. Naf li l-Oppożizzjoni ma jaqblux magħna, imma dik biċċa tagħhom u jiġġudikahom il-poplu meta jasal il-waqt. Xogħolna, bħala Gvern, huwa li ma nħallux lil Brussell iressaqna lejn l-awsterità li trid l-Oppożizzjoni. M'għandniex inħallu lil Brussell ibiddel ir-regoli tal-logħba biex il-kbir jieħu li jrid u pajjiż żgħir bħal Malta jispiċċa jiċċekken u jsir irrelevanti. Nirringrazzjak, Sur President.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Alex Muscat.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, fis-siegħa u nofs li għamilna nisimgħu lill-kelliema tal-Oppożizzjoni, aqta' parti mid-diskors tal-Onor. Ivan J. Bartolo, smajna r-retorika tal-Partit Nazzjonalista, li dan l-aħħar naħseb li kulħadd dara, li pajjiżna mill-2013 'il quddiem donnu laqtitu xi katakliżma u pajjiżna qatt ma kien daqstant ħażin, b'sitwazzjoni mwiegħra, doom and gloom. Din hija n-narrattiva tal-Oppożizzjoni; li pajjiżna qatt ma kien daqshekk ħażin, li Malta sejra lura, li kollox sejjer ħażin, jikkritikaw u jattakkaw kollox u jgħidu li aħna bla pjan u bla viżjoni. Affarijiet li issa ilna nisimgħuhom.

Jien mhux se ngħid x'inhi l-opinjoni tiegħi, imma se nikkwota biss x'qed jgħid ħaddieħor, imbagħad nistieden lil kull min qed isegwina biex jagħmel ġudizzju hu. Il-credit rating agencies kollha mill-2013 'il quddiem żiedu r-ratings ta' Malta minn B minus kif konna qabel, jew f'ċerti ċirkostanzi C plus, filwaqt li llum l-ekonomija hija A plus. Moody's u Fitch jagħtuna ċertifikati ekonomiċi b'saħħithom immens. Issa jien nistieden lil dawk li qed isegwuna jaraw jekk jemmnux lil dawn l-aġenziji internazzjonali li żgur ma jħarsu lejn wiċċ ħadd u lejn l-ebda pajjiż, jew inkella lill-Partit Nazzjonalista. Dik hija l-għażla li għandu l-poplu; lil min se jemmen li għandu l-kompetenza ekonomika biex imexxi lil Malta 'l quddiem.

Dalgħodu qed nitkellmu fuq l-estimi tal-Ministeru għall-Finanzi, ħaġa li tmiss mal-Baġit kollu. Is-sabiħa hi li suppost qed nitkellmu fuq il-Baġit, imma min-naħa tal-Oppożizzjoni ma smajt xejn marbut mal-Baġit. Ħadd ma semma li dan kien Baġit li qed jivvota l-akbar nefqa soċjali ta' kull żmien. Ma smajt lil ħadd mill-Oppożizzjoni jitkellem fuqha din. Ma smajt lil ħadd mill-Oppożizzjoni jgħid li għat-tieni darba fuq medda ta' għaxar snin erġajna żidna l-paga minima, l-ogħla żieda fil-paga minima ta' kull żmien.

Ma smajt lil ħadd min-naħa tal-Oppożizzjoni jgħid li għal darb'oħra, skont l-NSO, f'Ġunju ta' din is-sena, Malta kompliet tnaqqas il-persuni f'riskju ta' faqar minħabba l-mod kif qed jitqassam il-ġid ekonomiku li qed noħolqu. Ma smajt lil ħadd jitkellem fuq dawn l-affarijiet. Ma smajt lil ħadd min-naħa tal-Oppożizzjoni Nazzjonalista jitkellem fuq iż-żieda li erġajna tajna fl-istipendji. Dawn kienu jbeżżgħu lin-nies billi jgħidu li Gvern Laburista se jnaqqas l-istipendji, xi ħaġa li kien għamel il-Partit Nazzjonalista stess. Aħna l-istipendji nżiduhom u nsaħħuhom biex inħeġġu aktar żgħażagħ Maltin ikomplu jistudjaw u jwessgħu l-ħiliet tagħhom.

Smajna l-kritika min-naħa tal-Oppożizzjoni li, skont huma, tlifna l-kontroll fuq il-finanzi tagħna

u ma nafux x'qed nagħmlu. Ma tistax temminhom, għax ma jafux x'qed jgħidu. Qed jiġu jipprovaw jgħallmuna l-prinċipji bażiċi tal-ekonomija, meta huma bħala dejn qabżu s-70% tal-GDP. U hekk jitkejjel id-dejn, minn dejjem hekk kien jitkejjel, u dik hija s-sistema Ewropea użata kif tkejjel id-dejn tiegħek; kemm għandek dejn versu kemm għandek ġid fl-ekonomija tiegħek. Illum id-dejn, wara li d-dinja kollha għaddiet u għadha għaddejja minn kriżijiet kbar, huwa ferm inqas minn kif kien qabel l-2013. Illum qed nitkellmu fuq dejn ta' madwar 53% tal-ekonomija tagħna, ferm aktar baxx minn kemm kien qabel l-2013. U dan mhux b'kumbinazzjoni jew għax bla pjan, kif qed jgħidulna l-Membri tal-Oppożizzjoni, imma bil-kontra. Tnaqqas id-dejn tiegħek għax ikun hemm pjan, għax tkun bil-għaqal u għax ikun hemm prudenza ekonomika tajba, u mhux b'kumbinazzjoni. Dan kollu wara li għaddejna minn kriżijiet mondjali bħalma kienet il-pandemija u l-gwerer li sfortunatament bħalissa għandna kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-Mediterran li qed joħolqu sfidi kbar fuq il-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija u taż-żejt, u minkejja dan kollu Malta tibqa' dik il-ħuta li qed tgħum kontra l-kurrent.

Dan il-ġid ekonomiku jfisser li jista' jkollok baġit ieħor għas-sena d-dieħla, bħalma għandna, fejn il-ġid li qed noħolqu – dik hija x-xi ħaġa li tagħmlek kburi li tkun fuq din in-naħa tal-Kamra – qed inqassmuh lin-nies. Meta tkun qed toħloq il-ġid u tqassmu b'mod responsabbli tkompli tnaqqas il-piżijiet tat-taxxi, tkompli ssaħħaħ il-pensjonijiet, tkompli żżid l-istipendji u tkompli tagħti benefiċċji ġodda. Ħaddieħor m'għandux pjan. Ħaddieħor lanqas preparazzjoni fuq il-Baġit m'għamel. Ħarġu erba' slides fl-aħħar minuta fejn qalu li dik hija l-viżjoni ta' eċċellenza li għandu min l-ekonomija qatt ma kien kapaċi jmexxiha sew.

Pajjiżna llum mexa ferm 'il quddiem u jien kburi li llum nistgħu nitkellmu dwar kif dan il-Baġit se jkompli jgħin lill-familji u lin-negozji tagħna biex nilqgħu għall-isfidi li ġejjin minn barra. Se nsemmi l-enerġija, li llum ma reġgħux semmewha l-kelliema tal-Oppożizzjoni, li f'dan ir-rigward għandhom politika ċara. Kull meta staqsejt lill-esponenti tal-Partit Nazzjonalista f'okkażjonijiet diversi, it-tweġiba kienet li għandna mmorru lura għal kif konna nagħmlu qabel l-2013 u nħallu s-suq imexxi, kif semma aktar kmieni l-Onor. Omar Farrugia. Jiġifieri l-kontijiet tal-enerġija, il-prezzijiet tal-fuel u tal-gass inħalluhom jiċċaqilqu b'mod ħieles mas-suq u l-piż iġorruh il-familji, il-pensjonanti u kull min iħaddem.

Dak hu li qed jgħidulna, biex immorru lura għal kif konna qabel l-2013. Kull meta ssemmilhom kif kien pajjiżna qabel l-2013, tiġihom nostalġija. Hemm iridu jmorru! Meta jien kont fuq programm u staqsejt fuq il-popolazzjoni – issa erġajna qed ngħidu għall-populiżmu, li jinkwetani – qalulna li trid tonqos. Meta staqsejthom kemm trid tonqos, qalulna li bejn wieħed u ieħor għal kif kienet fl-2013. Jien bdejt inrodd is-slaleb, għax din tħawwadli moħħi bil-goff u tinsulenta l-intelliġenza ta' kull min qed isegwina. L-Oppożizzjoni qed tgħidilna biex inserrħu rasna li jekk ikunu fil-gvern se jnaqqsu l-popolazzjoni għal kif kienet qabel l-2013. Lil min se tibda tkeċċi minn pajjiżna? Lill-infermiera? Lit-tobba? Lil min se tibgħat 'il barra? Hekk qed jgħidulna dawn! Dik hija l-politika tagħhom!

L-istess fuq l-enerġija, Sur President, hemm differenza kbira fil-viżjoni politika. Il-Ministru għall-Finanzi għamilha ċara mill-bidu nett tad-diskors tiegħu tal-Baġit għas-sena d-dieħla li pajjiżna se jibqa' jissussidja l-kontijiet tal-enerġija biex nibqgħu ngħinu lin-negozji u lill-familji tagħna. Qed nitkellmu fuq madwar €1 miljun kuljum f'sussidji biex nibqgħu nipproteġu lill-familji tagħna minn kontijiet li jkunu ferm ogħla. Ħaddieħor qed jgħid li mhux biss għandna mmorru għas-sistema kif kienet qabel fl-2013, imma qed jgħidu li se nilliberalizzaw ukoll is-suq tad-distribuzzjoni. Din ma tantx baqgħu jitkellmu dwarha l-kelliema tal-Oppożizzjoni. Jiġifieri jekk illum l-Enemalta tqassam l-enerġija fid-djar, se nġibu lil ħaddieħor jagħmel sistema ġdida ta' wires tad-dawl – dawn hekk qed jgħidulna – u ngħaddu ftit aktar wires tad-dawl milli għandna biex ikollna distributur ieħor.

Issa hemmhekk irridu mmorru, f'dik id-direzzjoni. Il-Membri tal-Oppożizzjoni huma bla pjan, ma jafux x'qed jgħidu, u dan id-dilettantiżmu jinkwetani. Ilhom għaxar snin fl-Oppożizzjoni u mhux qed joħorġu b'soluzzjonijiet kredibbli. Min-naħa l-oħra, għandna pajjiż li nerġa' ngħid miexi 'l quddiem, kif qed jgħidulna l-credit rating agencies kollha. Għax għandna s-saħħa ekonomika, żidna ċ-children's allowance bl-ogħla żieda ta' kull żmien, tajna l-ogħla żieda ta' kull żmien ivvotata għas-sena d-dieħla fil-pensjonijiet u għamilna

Baġit ieħor mingħajr ma żidna l-ebda taxxa. Dan huwa l-għaqal ekonomiku li jidher li sal-lum ħaddieħor għadu ma fehmux. U din tinkwetani, għax il-poplu qed jgħidilhom li t-teoriji ekonomiċi tagħhom ma jagħmlux sens. B'hekk il-poplu, kull meta mistoqsi jieħu deċiżjonijiet, qed jeħodhom id-deċiżjonijiet.

Qed jgħid li ekonomikament għandu fiduċja fil-Partit Laburista, għax il-ġid li ra fl-aħħar għaxar snin ma rah qatt u l-poplu jaf li għandna viżjoni għall-għaxar snin li ġejjin. Dik hija n-nuqqas ta' diskussjoni li kellna min-naħa tal-Oppożizzjoni, mhux biss x'għamilna fl-għaxar snin li għaddew, imma x'se nagħmlu fl-għaxar snin li ġejjin. Dan il-Baġit qed ikompli jimplimenta l-viżjoni li għandu dan il-Gvern li toħroġ mill-manifest elettorali li l-poplu għażel is-sena li għaddiet u qed idaħħlu fis-seħħ. Dan il-Baġit qed jimplimenta dik il-viżjoni li, għalkemm ksibna s-suċċessi f'dawn l-aħħar għaxar snin, dejjem naraw kemm nistgħu niksbu aktar biex nibqgħu niġru 'l quddiem. Pajjiżna bħalissa sejjer tajjeb ħafna ekonomikament meta kkomparat ma' sħabna Ewropej, erba' jew ħames darbiet aktar tajjeb mill-medja tal-Ewropa.

Bl-għaqal ekonomiku tagħna qegħdin inkunu kapaċi nikkontrollaw l-inflazzjoni ħafna aħjar mill-pajjiżi Ewropej. Il-medja tal-għoli tal-ħajja f'pajjiżna qed tibqa' aktar baxxa mill-medja Ewropea mhux b'kumbinazzjoni, imma bil-għaqal, billi jkollok finanzi tajbin ikkontrollati b'mod tajjeb ħafna mill-Ministru Clyde Caruana, li rrid nirringrazzjah għax-xogħol li qed jagħmel flimkien mat-tim kollu tiegħu fil-Ministeru. Ninsab konvint li għandu għajnuna tajba ħafna. Dawn ir-riżultati, dan il-ġid li qed jasal għand in-nies, ma jiġix b'kumbinazzjoni. L-Oppożizzjoni qed tiġi f'din il-Kamra bir-retorika politika l-antika u lin-nies qed tgħidilhom biex jinsew il-ġid kollu li għaddejjin minnu, jinsew iż-żieda fil-pensjonijiet, fiċ-children's allowance u fl-istipendji, jinsew li ma daħħalniex taxxi ġodda u li mhux qegħdin iħallsu kontijiet tal-enerġija bħalma qed iħallsu l-bqija tal-Ewropej.

Qed tgħidilhom biex jinsew dan kollu, għax huwa kollu ħażin. Għadha taħseb li n-nies mhumiex jirrealizzaw minn xiex inhu għaddej pajjiżna. L-Onor. Omar Farrugia għamel tajjeb li semma l-prezzijiet tal-fuel fl-Italja. Aħna kollha mmorru f'pajjiżi Ewropej lil hinn minn xtutna u narawhom il-prezzijiet. Kollha nafu minn xiex għaddejjin l-Ewropej. Mhux bi ftaħir, għax jien ma neħux pjaċir nara li ħaddieħor bħalissa qed jerġa' jżid it-taxxi, qed jerġa' jżid il-kontijiet tal-enerġija u qed jerġa' jżid il-prezzijiet tal-fuel. Din mhijiex xi ħaġa pożittiva, imma l-paragun irid isir. Pajjiżna mhux għaddej minn dan kollu, għax hemm Gvern li għall-kuntrarju ta' dak li qed tgħid l-Oppożizzjoni għandu viżjoni u għandu pjan ekonomiku. Implimentajna din l-istrateġija u pajjiżna mexa 'l quddiem ħafna u hekk irridu nibqgħu nagħmlu fl-għaxar snin li ġejjin. Mela m'għandux sfidi pajjiżna!

Però jien ngħid li ħafna mill-isfidi li għandna joħorġu mill-ġid li ħloqna aħna stess. Iva, mela m'għandux sfidi pajjiżna! Hawn jien nistaqsi min huwa l-aktar f'pożizzjoni tajba biex jindirizza dawn l-isfidi, jekk hux l-Oppożizzjoni mmexxija mill-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech. Dażgur li le! Dażgur li le! Għandu soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi li, nerġa' ngħid, joħorġu mill-ġid? Dan il-Gvern għandu pjan strateġiku. F'kull settur qed naraw kif nistgħu nindirizzaw l-isfidi li għandu pajjiżna, li mhumiex sfidi żgħar, speċjalment jekk qed nitkellmu dwar inflazzjoni li ġejja minn barra u żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija li ġejjin minn barra. Aħna bil-għaqal, għax qed inkabbru l-ekonomija b'mod għaqli fis-setturi li jagħmlu sens, qed noħolqu dan il-ġid u qed nilqgħu għal dawn id-daqqiet ekonomiċi.

Sur President, nikkonkludi dan id-diskors tiegħi billi nifraħ mill-ġdid lill-Ministru għall-Finanzi għal dan il-Baġit li se jkompli jmexxi lil pajjiżna 'l quddiem u se jkompli jwassal b'ġustizzja soċjali l-ġid li qed noħolqu fil-bwiet tan-nies. Baġit li jkompli jimplimenta l-viżjoni li għandna għal pajjiżna biex Malta tibqa' miexja 'l quddiem fl-għaxar snin li ġejjin. F'għaxar snin biss imxejna ħafna 'l quddiem, però jien wieħed minn dawk li nemmen, u dan il-Gvern jemmen, li nistgħu nikbru aktar, nistgħu nkomplu ngħollu l-kwalità ta' ħajjitna, nistgħu nkomplu noħolqu ġid ġdid, u xogħolna hu li dak il-ġid li noħolqu nibqgħu nwassluh għand in-nies, kif qed nagħmlu. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Carmelo Abela.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Sur President, fil-ftit ħin li rnexxieli nsegwi d-dibattitu dalgħodu, dibattitu li jsegwi dibattiti oħrajn li smajna f'din il-Kamra, skont l-Oppożizzjoni f'dan il-pajjiż kollox sejjer ħażin. Qed jgħidu li d-direzzjoni hija ħażina. Qed jgħidu wkoll li l-

Gvern mhux qed joffri s-soluzzjonijiet. Apparti li dan mhuwiex minnu, ejja naraw dak li qalu l-Membri tal-Oppożizzjoni li kkwotaw ċerti figuri minn hawn u minn hemm, però ma kkwotawx żewġ affarijiet oħrajn; li l-istess kwotazzjonijiet tagħhom ma jarawx li l-Oppożizzjoni qed joffru xi ħaġa alternattiva u ma jarawx u ma jemmnux li l-Oppożizzjoni hija l-alternattiva.

Allura għall-Oppożizzjoni, li ilha għaxar snin fl-Oppożizzjoni, dan huwa ta' inkwiet u tħassib kieku verament iridu jaraw l-affarijiet mil-lat realistiku. Ma naqbilx mal-valutazzjoni tal-Oppożizzjoni li f'dan il-pajjiż sejjer kollox ħażin jew li l-Gvern mhux qed joffri s-soluzzjonijiet. Sfidi għandna, hemm sfidi ġejjin mis-suċċess li għamel dan il-pajjiż, kif ukoll mill-fatt li aħna ngħixu f'dinja globalizzata li seħħew ċirkostanzi li jolqtu lil kull pajjiż ieħor fid-dinja, u Malta mhijiex l-eċċezzjoni.

Dalgħodu nixtieq insemmi tliet figuri partikolari. L-ewwel waħda hija dwar iċ-childcare. Għas-sena d-dieħla l-Gvern qed jalloka €52 miljun fl-estimi finanzjarji tiegħu li, jekk niftakar sew, hija żieda mis-€36 miljun għal din is-sena. Jien ipprovajt infittex kemm kienet in-nefqa fuq iċ-childcare qabel l-2013, imma ovvjament ma sibthiex għax ma kien hemm xejn li Gvern Nazzjonalista kien qed jalloka għaċ-childcare b'xejn. Iċ-childcare b'xejn f'pajjiżna daħal fl-2014. Naturalment meta ngħidu childcare b'xejn qed ngħidu li l-Gvern irid iħallas mit-taxxi li jiġbor u b'għaqal jalloka dawn l-ammonti għal oqsma speċifiċi. Bis-saħħa taċ-childcare b'xejn għall-familji li qed jiggwadanjaw minn dan is-servizz, f'pajjiżna n-numru ta' nisa li daħlu jew irritornaw lura fid-dinja tax-xogħol żdied sostanzjalment.

Bejn wieħed u ieħor konna 43% u f'daqqa waħda tlajna għal aktar minn 65%, u din ir-rata qed tkompli tiżdied grazzi għall-investiment ta' Gvern Laburista li għas-sena d-dieħla qed jalloka €52 miljun fl-estimi finanzjarji tiegħu kontra x-xejn u l-baħħ ta' qabel l-2013. Figura oħra li ġibditli l-attenzjoni hija l-allokazzjoni ta' €11.5 miljun lill-FIAU. Kemm-il darba nisimgħu esponenti ewlenin tal-Partit Nazzjonalista jgħidulna kontra dak li qed jagħmel dan il-Gvern u jgħidulna korrotti u li ma nafx x'm'aħniex. Dan il-Gvern għas-sena d-dieħla qed jerġa' jżid in-nefqa fl-investiment fl-FIAU għal €11.5 miljun. Taħsbu li qabel l-2013 ma kienx hemm il-ħtieġa li jsir investiment fl-FIAU? Taħsbu li ma kienx hemm il-ħtieġa li jkun hemm watchdog serju fuq dak li kien qed jiġri fil-pajjiż qabel l-2013? Dażgur li kien hemm bżonn, imma Gvern Nazzjonalista u l-paladini li llum qed jipprovaw jagħtu palata lill-Oppożizzjoni Nazzjonalista ma jsemmuhomx dawn l-affarijiet. Fl-2012, fl-aħħar sena sħiħa ta' Gvern Nazzjonalista, l-allokazzjoni għall-FIAU kienet €400,000. Jekk taqta' l-impjegati, wisq probabbli xi cleaner, xi driver u xi żewġ uffiċjali oħrajn, l-allokazzjoni ta' €400,000 tkun diġà ttieklet, imbagħad ikollok l-amministrazzjoni u tittiekel kollha. Aħseb u ara kemm konna serji qabel l-2013 fil-ġlieda li pajjiżna kellu jagħmel u li jrid jibqa' jagħmel biex ikun watchdog serju f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-affarijiet.

Illum il-Gvern qed jieħu dawn l-affarijiet bis-serjetà, għax hekk jixraq, u qed jalloka €11.5 miljun kontra l-miżerja ta' €400,000 li kienu qed jiġu allokati fl-2012. Ċifra oħra importanti li ssemmiet diversi drabi mill-kollegi tiegħi, u se nerġa' nsemmiha għaliex hija ċifra kruċjali għal pajjiżna, hija dik ta' €350 miljun li l-Gvern qed jalloka bħala sussidju fuq l-enerġija u l-fuels. Altru mill-ħames bozoz ta' GonziPN! U skont l-Oppożizzjoni, qabel l-2013 kien żmien tad-deheb għal pajjiżna! Fuq tliet snin, dan il-Gvern se jkun investa – u qed nuża l-kelma "investa" apposta – €931 miljun f'sussidji u għajnuniet. Dan huwa importanti ħafna, għax kieku l-inflazzjoni tkun id-doppju. Araw pajjiżi oħrajn minn xiex għaddejjin. Araw kemm din hija uġigħ ta' ras kbira għan-negozji f'pajjiżi oħrajn, filwaqt li dan il-Gvern mill-ewwel ġurnata beda jgħin billi jinvesti l-miljuni ta' ewro. Hawnhekk marru l-miljuni li tħobb issemmi l-Oppożizzjoni!

Nistgħu nsemmu l-qasam tax-xogħol, Sur President. Dan huwa l-Ministeru li taħtu jaqa' JobsPlus, il-politika dwar ix-xogħol. Ħaddieħor donnu qed jgħid kemm konna sejrin tajjeb sal-2013 bil-qgħad jaqbeż it-8,000 ruħ. Konna tajjeb dak iż-żmien, meta kien hemm 8,000 ruħ Maltin u Għawdxin ifittxu x-xogħol! Illum, grazzi għar-rekord ekonomiku ta' dan il-Gvern, żdiedet l-ekonomija, u għax żdiedet u kibret l-ekonomija kibru l-opportunitajiet ta' xogħol f'kull livell. Illum mhux talli m'għandniex 8,000 ruħ Maltin u Għawdxin ifittxu x-xogħol, talli l-ilment li qed nirċievu mingħand min iħaddem huwa li hemm bżonn inġibu l-ħaddiema għax mhux qed isibu ħaddiema hawn Malta.

Tkabbir ekonomiku rekord fi żmien dan il-Gvern kontra l-istaġnar ta' qabel l-2013! Taħsibx li dak iż-żmien kien hemm xi pandemija globali meta l-ekonomiji tad-dinja kellhom jagħlqu, meta t-turiżmu kellu jieqaf u meta konna nibżgħu noqorbu lejn xulxin. Ma kien hemm xejn minn dan. Taħsibx li kien hemm xi gwerra jew xi invażjoni Russa fl-Ukrajna. Ma kien hemm xejn minn dan. Taħsibx li kien hemm xi attakk ieħor, kif rajna f'dawn l-aħħar ġimgħat, għalkemm mill-bieraħ donnu hemm daqsxejn waqfien mill-ġlied, bejn Iżrael u l-Ħamas. U hawn qed nitkellmu fuq gwerra fil-Mediterran li jgħaqqadna ma' dak ir-reġjun. Ma kien hemm xejn minn dan, imma l-Partit Nazzjonalista fil-gvern irnexxielu jistaġna l-ekonomija u jżid in-nies ifittxu x-xogħol.

Dalgħodu l-kelliema tal-Oppożizzjoni tkellmu fuq il-ħaddiema barranin. Jien nikkritika lill-Oppożizzjoni mhux għax isemmu s-suġġett, għax huwa suġġett li anke l-Gvern isemmih, u qed jgħid li hemm bżonn nagħmlu ċerti affarijiet, imma aħna għandna proposti ta' abbozzi ta' liġi li dan il-Parlament se kollu ċans jitkellem fuqhom, però l-mod kif timposta d-diskussjoni huwa perikoluż. Pereżempju, nitkellmu dwar żieda fil-popolazzjoni. Mela suppost teknikament il-pajjiżi li l-aktar għandhom popolazzjoni kbira huma l-aktar pajjiżi sinjuri, imma jekk tmur tfittex issib li ħafna minn dawn il-pajjiżi huma fost l-aktar foqra jew li għadhom qegħdin jiżviluppaw, kif insejħulhom fid-dinja moderna tal-lum.

Hemm min isemmi li nimportaw il-ħaddiema. Timporta prodott u mhux ħaddiem, mhux persuna! Dan huwa l-mod kif l-Oppożizzjoni qed tpoġġi d-diskussjoni apposta, li huwa ħażin, għax mhux qed niddibattu dan is-suġġett. Huwa importanti li nitkellmu dwar dan is-suġġett, imma rridu nitkellmu dwaru b'oġġettività u naraw x'inhuma l-fatti. Mhux veru li kull ħaddiem barrani jiġi jaħdem biċ-cheap labour. Araw l-istatistika, għax lanqas l-istatistika ma taraw.

Il-Prim Ministru, fid-diskors tiegħu semma l-istatistika, u naturalment l-Oppożizzjoni tibqa' tinjoraha. L-Oppożizzjoni ma tistax tibqa' tinħeba wara ċertu diskors perikoluż mingħajr ma tgħidilna liema ħaddiema huma żejda f'pajjiżna u jekk ikunu fil-gvern liema ħaddiema se jkeċċu minn Malta, liema servizzi mhux se jibqgħu jingħataw, jew inkella liema huma x-xogħlijiet li l-Maltin illum ma jixtiqux u ma jridux jagħmlu, se jkollhom jagħmlu.

L-Oppożizzjoni ma tistax tibqa' tinħeba wara diskors perikoluż u mhux veritier, mingħajr ma tgħidilna, jekk xi darba tkun fil-gvern, liema huma dawk il-ħaddiema li qed jaraw żejda u li se jkeċċu 'l barra kif jitilgħu fil-gvern, li magħhom hemm il-konsegwenzi tas-servizzi li se jkunu qed jonqsu. Hux se jkeċċu lill-ħaddiema li jaħdmu fl-isptarijiet, li jaħdmu fid-djar tal-anzjani jew li jieħdu ħsieb l-anzjani fid-djar tagħhom. Dawn huma l-ħaddiema żejda? Għax dawn wisq probabbli għall-Oppożizzjoni huma l-ħaddiema li jiddeskrivu bħala cheap labourers. Nistenna li meta jitkellmu dwar dan is-suġġett ikunu kredibbli kif jimpostaw l-argument u jgħidulna x'inhuma l-proposti tagħhom.

Kont nistenna wkoll li l-Oppożizzjoni f'diskors ta' sagħtejn, fosthom il-Kap tal-Oppożizzjoni, jgħidilna jekk ikun fil-gvern kif se jkun kapaċi jkabbar l-ekonomija bid-doppju tat-tkabbir ekonomiku ta' issa u mhux jakkuża lill-Gvern li ħsiebu biex ikabbar l-ekonomija. Jekk ma tkabbarx l-ekonomija, minn fejn se toħloq il-ġid biex imbagħad tkun tista' tqassmu? Minn fejn se żżid il-pensjonijiet? Minn fejn se żżid iċ-children's allowance u l-benefiċċji l-oħra li dan il-Baġit qed jalloka għas-sena d-dieħla? Huwa bit-tkabbir ekonomiku, billi toħloq il-ġid u naturalment billi tiġbor it-taxxi dovuti li tkun tista' tqassam dan il-ġid. Ejja ma nħarsux lejn it-tkabbir ekonomiku bħala xi ħaġa negattiva, għax hija xi ħaġa importanti.

Ma nistgħux nieqfu hemmhekk, u għalhekk nemmen li rridu nħarsu lejn fatturi oħra lil hinn mill-GDP. Ma rridux nagħmlu l-kalkoli fuq il-GDP biss, għax hemm elementi oħrajn li rridu naraw fuq il-benesseri tal-pajjiż u tan-nies. Ejja ma nitkellmux ħażin dwar it-tkabbir ekonomiku. Huwa veru li t-tkabbir ekonomiku waħdu mhuwiex biżżejjed, għax hemm kejl ieħor li rridu nħarsu lejh. U dan il-Gvern hekk qed jagħmel, qed joħloq il-ġid, u għax jidħol id-dħul lejn il-Gvern, il-Gvern qed iqassam b'mod ġust. Għalhekk ngħidu Malta Ġusta. Żewġ ċifri li l-ebda Ministru għall-Finanzi ma jista' jwarrab minn quddiem għajnejh huma d-dejn u d-defiċit.

Għas-sena 2024, id-defiċit huwa ppjanat li jonqos għal 4.5% u naturalment fis-snin ta' wara jonqos 0.5% sakemm nilħqu t-3%. Id-dejn għas-sena d-dieħla se jkun madwar 55% tal-ġid ta' dan il-

pajjiż, bil-bosta inqas mis-70% ta' qabel l-2013. Mela dan ifisser li anke fejn jidħlu l-finanzi, dan il-Gvern qed jagħmel xi ħaġa tajba. Nafu wkoll li f'għaxar snin għaddejna minn perjodu fejn kellna budget surplus għal darba, darbtejn. Dan il-Gvern, anke fejn tidħol l-amministrazzjoni tal-finanzi, qed jagħmel biċċa xogħol tajba u l-figuri li kkwotajt huma xhieda ta' dan.

Naturalment, ma jfissirx li għandna nieqfu hawnhekk. Il-Ministru qed jitkellem dwar aktar dixxiplina fl-infiq u jien naqbel miegħu, u l-appell tiegħi hu li hemm bżonn issir analiżi ta' ċertu nfiq. Hemm bżonn inħarsu lejn l-entitajiet li wellidna matul dawn iż-żmenijiet ma' entitajiet li ilhom hemmhekk u ssir analiżi kritika ta' jekk hux kollha huma meħtieġa u jekk hemmx xi xogħol li jista' jiġi amalgamat, biex b'hekk inkunu aktar effiċjenti fl-ispiża pubblika. Dan l-eżerċizzju hemm bżonn isir, għax jekk irridu nibqgħu nagħtu l-investiment tagħna fis-sussidji bi €350 miljun, minn xi mkien iridu jiġu. Għalhekk, li l-Gvern ikun aktar effiċjenti fl-infiq tiegħu hija xi ħaġa li wieħed irid jirrakkomandaha u jaħdem fuqha.

Sur President, nixtieq nagħmel żewġ punti tal-aħħar, għax qed ninnota li l-ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi wasal biex jiskadi u ma nixtieqx nieħu mill-ħin tal-Ministru, imma nħoss li għandna żewġ sfidi partikolari. L-ewwel waħda hija l-inflazzjoni li primarjament hija importata u li l-Gvern qed jaħdem fuqha. Mhuwiex il-Gvern li qed jikkontribwixxi biex ikollna żieda fl-inflazzjoni, kuntrarjament għal dak li kien jiġri qabel l-2013. Staqsu lin-nies u taraw li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-fuel, huma fost l-elementi li kienu qed joħonqu l-kompetittività ta' dan il-pajjiż u qed jgħaffġu lin-nies u l-familji tagħna. L-inflazzjoni, speċjalment fuq il-prodotti tal-ikel, hija xi ħaġa li huwa importanti li wieħed jissorveljaha bl-aħjar mod possibbli.

It-tieni waħda hija l-kwestjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, u norbot magħha l-kirjiet. Dawn huma żewġ sfidi li nħoss li huwa importanti li l-Gvern ikompli jindirizzahom u jaħdem fuqhom. Il-Gvern qed jagħti għajnuniet u sussidji, speċjalment għall-first time buyers. Jien niddejjaq nara li jkun hemm min japprofitta ruħu minn din l-għajnuna, għax meta l-Gvern irid jagħti din l-għajnuna lil min qed jixtri, min ibigħ qed idaħħal subgħajh fiha wkoll. Jekk l-għajnuna hija intiża kollha għall-first time buyers, min qed ibigħ m'għandux ibill subgħajh fiha. Jekk hemm mekkaniżmi li l-Gvern jista' jaddotta, naturalment inħeġġu biex dawn jiġu addottati. Il-kirjiet għandna naraw li għalkemm huma privati, naturalment hemm is-suq isuq, però huwa importanti noqogħdu attenti minn dan ukoll, għax finalment nistgħu nieħdu daqqa minn aspetti differenti.

Sur President, nixtieq ngħid kelmtejn fuq il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, però m'għandix ħin. Forsi nagħmel dan l-argument darb'oħra. Dan huwa Baġit ta' Gvern li qed ikompli jinvesti fin-nies, qed ikompli jwieżen lil min għandu bżonn l-aktar, qed ikompli jsaħħaħ il-pajjiż billi jilqa' għall-impatti li ġejjin minn barra u qed ikompli jara li jkollna Malta Ġusta. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Nistieden lill-Ministru Clyde Caruana biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-ħin li fadal huwa sa 12.02 p.m.

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sur President, nirringrazzjak u nirringrazzja lill-kelliema li tkellmu dalgħodu, kemm min-naħa tal-Gvern u mhux inqas min-naħa tal-Oppożizzjoni għad-diskorsi, għall-argumenti u għall-kritika li kien hawn, għax il-kritika hija tajba wkoll. Ħadt pjaċir nisma' ċerti interventi. Kien hemm ukoll interventi kostruttivi min-naħa tal-Oppożizzjoni li xtaqt nirrimarka dwarhom fil-ħin allokat. Għaldaqstant, fl-ewwel nofs tad-diskors beħsiebni nikkonċentra dwar ftit punti li ntqalu dalgħodu, filwaqt li n-nofs tad-diskors l-ieħor nallokah għal ftit ħsebijiet ta' konċetti dwar dak li ntqal hawnhekk u dwar l-opinjoni tiegħi għat-triq 'il quddiem.

Qed niddiskutu l-finanzi tal-pajjiż u allura antiċipajt li kien se jkollna ċerti argumenti u rrid nibda nindirizza ċerti punti, speċjalment fejn jidħlu l-figuri. Nifhem li l-figuri għandhom ħabta jitilfu n-nies meta wieħed jibda jibbumbardja lil dawk li jkunu qegħdin isegwu b'ħafna numri, allura kemm jista' jkun se nillimita ruħi għal ftit numri. Nibda bil-kwestjoni tad-dejn. Dan l-aħħar, diversi mezzi tal-midja kif ukoll l-Oppożizzjoni kienu qegħdin jagħmlu enfasi dwar il-fatt li l-Gvern se jkollu l-figura ta' €10 biljun dejn.

Sur President, irrid naċċenna għall-fatt li l-kwestjoni tad-dejn u tal-finanzi tal-pajjiż hija kollha materja ta' relattività għall-fatt li l-piż ta'

xi ħaġa jista' jkun tqil għal xi ħadd u ma jkunx tqil għal ħaddieħor. Dan l-istess bħall-familji. Familja jista' jkollha ammont ta' dejn li tarah ħafna għaliha, però dak l-ammont ta' dejn għal familja oħra jaf ma jkun xejn għas-sempliċi raġuni li d-dħul ta' familja huwa differenti minn dak ta' familja oħra. Għalhekk nixtieq li minflok noqgħod insemmi ħafna biljuni u dak li jkun ma jkunx qed jifhem eżatt dak li qed nipprova ngħid, se nkun qed innaqqas ħafna żerojiet minn wara n-numri u nħares ftit lejn kif kienu l-figuri għaxar snin ilu u kif inhuma l-figuri llum.

Il-pajjiż jipproduċi ammont ta' oġġetti u servizzi matul is-sena u dak nirreferu għalih bħala l-GDP li fi żmien il-Perit Mintoff kien jirreferi għalih bħala l-kejk nazzjonali, dak li nipproduċu. Immorru x-xogħol u l-ħin li nagħtu, eventwalment iwassal biex il-pajjiż jipproduċi ċerti affarijiet. Min-naħa l-oħra l-Gvern biex isostni l-ispiża tiegħu, kull meta l-ħruġ ikun aktar mid-dħul, ikun irid jissellef biex jagħmel tajjeb għal dik id-differenza.

Għalhekk dik id-differenza tmur f'dak li hu dejn li jakkumula matul iż-żmien. Hawnhekk l-argument prinċipali huwa kif jikkompara d-dejn li jkun akkumula l-pajjiż matul is-snin fi żmien partikolari mad-dħul li jkun qed idaħħal f'dak iż-żmien. Se mmur lura fis-snin biex inqabbel sitwazzjoni ma' oħra. Jekk immorru lura għas-sena 2013, meta din in-naħa tal-Kamra kienet telgħet fil-gvern – u se nelimina ż-żerojiet kollha biex nibqgħu iffokati – id-dejn tal-pajjiż dakinhar kien daqslikieku kellu €52. Kontra dawk it-€52, il-pajjiż f'sena kien jipproduċi €75. Mela kellu €52 dejn kontra €75 li konna nipproduċu f'sena. Nerġa' ngħid li qed nelimina ż-żerojiet kollha ħalli nżommu n-numri kemxejn żgħar biex kulħadd ikun jista' jqabbel.

Dak li qabel kien €52 dejn, illum il-ġurnata ġie €100 dejn. Issa d-dejn minn €52 kwazi rdoppja u tela' għal €100. Meta niġu għal dak li nipproduċu, dakinhar kellna €75 dħul, però jekk nikkomparawh mad-dejn li rdoppja, suppost nistennew li d-dħul minn €75 jitla' għal €150. Imma mhuwiex hekk għax din is-sena l-pajjiż se jkun qed idaħħal €190. Jiġifieri l-valur tal-produzzjoni tagħna huwa ta' €190 u dan ifisser li d-dħul tal-pajjiż iktar milli rdoppja. Mela kieku b'mod figurattiv il-pajjiż qiegħed jerfa' d-dejn fuqu, dak iż-żmien kellu piż mod u l-piż tal-lum, minkejja li d-dejn żdied, irridu ngħidu li s-saħħa tal-pajjiż f'dak li jipproduċi żdiedet ħafna aktar.

Fid-diskussjonijiet kollha li jsiru f'livell Ewropew, ir-referenza qatt ma tkun lejn il-piż tad-dejn tal-pajjiż għax wieħed ma jistax iqabbel il-piż tad-dejn tal-Ġermanja ma' dak ta' Malta, pajjiż ġgantesk ma' wieħed minuskulu, imma wieħed jista' jqabbel jekk kemm-il darba jieħu r-relattività. Nispera li x-xahar id-dieħel inkunu qegħdin nagħlqu l-economic governance framework f'livell Ewropew, jiġifieri l-mod ta' kif se jkunu qegħdin jiġu mħaddma r-regoli ta' Maastricht fil-livell tad-defiċit u d-dejn ta' kif pajjiż ikollu jerġa' jallinja ruħu ma' dawn ir-regoli. Kif għadni kemm spjegajt, ir-relattività dejjem teħodha skont id-dejn tal-pajjiż ma' dak li jipproduċi.

Biex nikkonkludi dan l-argument hawnhekk, ir-raġuni ma fihiex forza għax il-piż tad-dejn ta' dan il-pajjiż lura fl-2013 kien ta' 70%. Mela qed inqabbel it-€52 mal-€75 li jagħtuna 70% mill-piż filwaqt li llum il-ġurnata meta għandna €100 dejn kontra l-€190 li qed nipproduċu, il-piż huwa ta' 53%. Għalhekk huwa ċar u simplistiku ħafna l-fatt li l-piż tad-dejn li dan il-pajjiż iġorr illum huwa ħafna inqas minn dak li kien iġorr snin ilu. Dan jagħtini serħan il-moħħ li bil-politika fiskali li qed iħaddan dan il-Gvern u bil-mod kif namministraw il-finanzi ta' dan il-pajjiż qed nagħmluha b'mod għaqli tant li l-pajjiż għaddej, l-ekonomija qiegħda tikber, u dak li qed nagħmlu, il-pajjiż jiflaħ iġorru.

Għaldaqstant iva, b'dan il-mod, l-istituzzjonijiet barranin – dan l-aħħar kellna l-IMF u l-Kummissjoni Ewropea li fix-xogħol tas-semestru ħarset lejn il-finanzi tal-pajjiż – raw li l-finanzi ta' dan il-pajjiż qed jiġu amministrati b'mod sostenibbli u b'saħħtu. Il-kummenti tagħhom it-tnejn kienu b'mod konverġenti, mhux fuq il-finanzi tal-pajjiż imma fuq dak li qed nagħmlu fil-qasam tal-enerġija, li kkummentaw dwaru sħabi aktar kmieni.

Issemma l-imgħax, Sur President. Irrid ngħid li qabel ma wieħed jikkritika, darb'oħra jagħmel ftit riċerka. Huwa veru li l-imgħax is-sena d-dieħla se jkun qed jiżdied, imma ejja nitkellmu fuq il-figuri attwali. L-imgħax fis-sena 2013 kien ta' €228 miljun, persentaġġ tal-GDP ta' 3%, mela allura d-dejn li writna dak iż-żmien kien ta' €5.2 biljun. Illum li għandna €10 biljun, il-piż tal-imgħax huwa ta' €209 miljun. Dan ifisser li l-piż ta' dak l-imgħax fuq id-dejn huwa ta' 1.1%. Mela minkejja l-fatt li d-dejn żdied, il-piż tal-imgħax

ta' dak id-dejn ikkumparat ma' kemm kibret l-ekonomija naqas.

Mela hawnhekk dejjem qed jerġa' jiġi l-istess argument, li s-sigriet ta' kollox huwa fit-tħaddim tal-politika fiskali li rridu nassiguraw li l-ekonomija tibker, għax meta l-ekonomija tikber, qed tagħmel kwalunkwe ħaġa oħra fil-formula, jekk hijiex tad-dejn, tal-imgħax jew tad-defiċit, aktar sostenibbli. Għalhekk naħseb li din hija waħda mill-akbar differenzi bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra għall-fatt li kif tiġi amministrata l-politika fiskali min-naħa tagħna, dejjem naraw li tkompli tagħti n-nifs lill-ekonomija sabiex tikber, ħalli nassiguraw li min-naħa l-oħra, l-imgħax, id-djun, kif ukoll id-defiċit li jkollu l-pajjiż jibqgħu sostenibbli.

Kemm ngħid kelmtejn fuq il-mod kif qed nagħmlu dan, Sur President. Sintendi, dan qed nagħmluh għall-fatt li kuntrarju għal dak li għamlu pajjiżi oħrajn, aħna rajna li rridu nkunu deċiżivi fejn għandha x'taqsam il-kwestjoni tal-enerġija billi nintervjenu ħalli l-prezzijiet fis-suq ma jinbidlux, għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hija l-inflazzjoni, li se niġi għaliha aktar 'il quddiem. Min-naħa l-oħra, konna nagħtu dak li fl-ekonomija nsejħulu xokk lis-sistema ta' produzzjoni fil-pajjiż b'tali mod u manjiera li kull min jipproduċi f'dan il-pajjiż kien ikollu problemi serji. Ilkoll nafu, għax hija minn ewl id-dinja  - u din tgħodd għall-ekonomija u fil-ħajja ta' kuljum - li huwa ħafna aktar faċli li tħott milli tibni mill-ġdid.

Għalhekk meta wieħed jara l-mod kif intervjena l-Gvern fi kwalunkwe okkażjoni, jekk kinitx il-pandemija jew jekk kinitx il-kwestjoni tal-enerġija, dejjem rajna kif immitigajna d-daqqiet, għas-sempliċi raġuni li malli xi ħaġa taqla' daqqa u tispiċċa titkisser, ikun ħafna aktar diffiċli li terġa' tibniha mill-ġdid. Kellna żewġ esperjenzi fil-passat f'dan il-pajjiż fejn rajna l-kwestjoni tal-enerġija timpatta lill-ekonomija bil-kbir. Kellna l-ewwel esperjenza bejn l-1996 u l-1998 li esperjenzatha din in-naħa tal-Gvern u nafu x'kienu l-impatti tagħha. Kellna mbagħad l-esperjenza bejn l-2008 u l-2013 li esperjenzatha n-naħa l-oħra tal-Kamra meta kienet fil-gvern. Meta wieħed jara għal darba, darbtejn l-impatt tal-enerġija kif jaffettwa l-mentalità tan-nies u s-settur tal-produzzjoni f'pajjiżna, ma jridx ħafna biex jifhem li dak li qed jagħmel dan il-Gvern huwa dak li hemm bżonn sabiex ikompli għaddej ir-ritmu ekonomiku.

B'daqshekk ma jfissirx  li dak li qegħdin nagħmlu għandna neħduh bħala xi ħaġa li tista' tibqa' tagħmilha għal dejjem. Hawnhekk irrid inkun preċiż u ngħid li fid-Diskors tal-Baġit u f'interventi oħra, kelli l-okkażjoni ngħid li wieħed mill-aktar argumenti b'saħħithom li rridu nagħmlu quddiem l-Unjoni Ewropea u ma' kull min jiġi jitkellem magħna dwar il-politika fiskali u l-politika tal-enerġija tagħna hu li rridu ninvestu aktar fl-enerġija – fid-Diskors tal-Baġit aċċennajt għal dan – billi jkollna interconnector ieħor u billi jkollna sistemi ta' offshore, sabiex dawn jgħinuna nniżżlu l-kost medju tagħna, ħalli nassiguraw li sakemm isiru dawn l-investimenti l-Gvern ikompli għaddej bis-sussidji tiegħu. Eventwalment però rridu naraw li dawn l-investimenti jkunu f'posthom fl-iqsar żmien possibbli, ħalli dawk il-miljuni ta' ewro li llum qegħdin imorru f'sussidji, eventwalment jiġu indirizzati lejn oqsma oħra li jistgħu jkunu bil-wisq aktar produttivi.

Sur President, m'iniex se noqgħod nirritalja b'mod partiġġjan, għax il-ħin ma jippermettix u naħseb li nista' nużah b'mod aktar produttiv, imma xtaqt li nwieġeb għal żewġ affarijiet oħra: is-suq tax-xogħol u mbagħad niġi għall-Air Malta.

Nibda bis-suq tax-xogħol. Huwa minnu li bħal kull popolazzjoni oħra, dan il-pajjiż għandu numru ta' persuni inattivi. Persuna inattiva hija dik li meta jkun qed isir il-Labour Force Survey twieġeb li la fiż-żmien ta' qabel u lanqas fiż-żmien li ġej mhi  interessata li tidħol fis-suq tax-xogħol, anke jekk tiġi ppreżentata lilha xi opportunità ta' xogħol. Matul dawn l-aħħar snin, pajjiżna rnexxielu jniżżel ir-rata ta' inattività tiegħu b'mod drastiku ħafna f'dan il-qasam. Irrid ngħid li dan huwa qasam għal qalbi ħafna, għax qabel il-ħajja preżenti ta' Ministru kont nagħti l-ħin tiegħi u dak kollu possibbli għal dan il-qasam. Mhux għax illum le, imma forsi dakinhar kelli aktar ħin.

Hawnhekk irrid niġbed l-attenzjoni li minn studju li kont għamilt jien personalment, li konna ppreżentajnieh lill-Kummissjoni Ewropea, irriżulta li meta wieħed jidħol b'mod individwali fin-nies inattivi li għandna llum u jara jekk dawn ipparteċipawx fid-dinja tax-xogħol fil-ħajja passata tagħhom, isib li fil-biċċa l-kbira tagħhom bejn 80% u 85% qatt ma daħlu fid-dinja tax-xogħol f'ħajjithom, jew għall-inqas qatt ma daħlu fid-dinja tax-xogħol b'mod regolari. Jista' jkun li

xi darba jew oħra jkunu ħadmu mingħajr ktieb tax-xogħol, biex inkunu qed ngħidu kollox, imma jidher li qatt ma kellhom ingaġġ fis-suq tax-xogħol b'mod regolari f'ħajjithom.

Dan ifisser li hawn qed nitkellmu fuq nies, speċjalment nisa, li għandhom aktar minn 50 sena u jidher biċ-ċar li matul ħajjithom qatt ma daħlu fid-dinja tax-xogħol. Aktar minn hekk, jidher biċ-ċar li l-livell ta' edukazzjoni tagħhom huwa baxx. Mela meta tikkonsidra dawn il-fatti kollha ssib li – dan kien argument li aċċettatu l-Kummissjoni Ewropea wkoll – aktarx il-ħiliet tan-nies inattivi li għandna f'pajjiżna huma baxxi ħafna. Apparti minn hekk jidher li qatt ma missew mad-dinja tax-xogħol. Għalhekk, li kieku wieħed ikollu jħarriġhom jew jipprova jsibilhom xi impjieg u jagħmel dak kollu possibbli biex idaħħalhom fid-dinja tax-xogħol, isib li din se tkun diffiċli ħafna. Dan għas-sempliċi raġuni li meta wieħed ikun qata' minn kollox għal snin twal, jekk qatt ma pprova jidħol fid-dinja tax-xogħol, se jsibha diffiċli.

Irridu ngħidu wkoll li llum qed nitkellmu fuq ġenerazzjoni li qabel kienu jħarsu aktar lejn ir-rwol tal-mara li tkun id-dar biex tieħu ħsieb it-trobbija tat-tfal u n-neputijiet milli tidħol fid-dinja tax-xogħol. Hija xi ħaġa diffiċli ħafna li wieħed, b'xi mod jew ieħor, jipprova jreġġagħha lura. M'hemm xejn ħażin f'dan kollu, anzi ż-żminijiet inbidlu u l-inċentivi matul is-snin inbidlu wkoll. Tant inbidlu li nista' ngħid li morna minn estrem għall-ieħor, għas-sempliċi raġuni li llum f'Malta fost in-nisa li għandhom l-età ta' bejn 25 u 29 sena għandna l-ogħla rata ta' nisa jaħdmu fis-suq tagħna. Allura morna, biex ngħidu hekk, minn naħa għall-oħra tan-numri għall-fatt li l-mentalità u l-kultura nbidlet. Dan kollu, minnu nnifsu, qiegħed jidher fin-numri.

Rigward l-Air Malta rrid ngħid li f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' ħidma li konna ħabbarna meta għamilna dik id-diskussjoni twila f'din il-Kamra sabiex inwaqqfu l-kumpanija l-ġdida tal-linja tal-ajru nazzjonali, għaddej ġmielu. Ninsab informat li fil-jiem li ġejjin se jkun hemm ir-riklami biex jibdew jiġu reklutati ħaddiema mal-kumpanija l-ġdida. Informat ukoll li fil-jiem li ġejjin il-piloti se jkunu qegħdin jirratifikaw il-kondizzjonijiet il-ġodda u dak kollu li ġie miftiehem magħhom, filwaqt li fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet oħra bħall-isem u s-slots, kollox miexi skont kif ippjanat.

Sur President, ngħaddi issa sabiex nitkellem fuq l-istampa macro. Din hija xi ħaġa li nieħu pjaċir nitkellem fuqha personalment għax, wara kollox, din hija xi ħaġa li rridu ninfluwenzawha minn din il-Kamra. Hawn qed nitkellem dwar l-argumentazzjoni li qed issir fuq l-inflazzjoni u l-popolazzjoni. Rigward l-inflazzjoni dejjem sostnejt li hija fenomenu li ġej minn barra l-pajjiż li matul is-snin, speċjalment matul dawn l-aħħar sentejn, imma matul dawn l-aħħar xhur aktar u aktar, refa' rasu. Huwa fenomenu li ma tistax tgħid li ma jeżistix, għas-sempliċi raġuni li jien, bħal kull persuna oħra hawnhekk, noħroġ barra u nagħmilha man-nies, immur nixtri u nosserva li l-prezzijiet qegħdin jiżdiedu u fix-xhur li ġejjin uħud minnhom se jkomplu jiżdiedu.

Nifhem li din probabbli se jkun hemm min itellagħha clip, imma isbaħ mill-verità m'hemmx. Qed ngħid hekk għax hemm biżżejjed fatturi jiġru madwarna li se jkomplu jitimgħu dan il-fenomenu taż-żieda fil-prezzijiet. Jien xettiku ħafna dwar jekk il-Gvern jistax iwaqqaf il-prezzijiet milli jiżdiedu – u din se nżommha fuqi nnifsi – għax qisek qed tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel, jew inkella tipprova żżomm l-ilma milli jgħaddi minn xi mkien b'idejk. Daqstant ieħor gvern jista' jirnexxilu jikkontrolla l-inflazzjoni. Jien kont f'din il-Kamra meta għidt x'nistgħu nagħmlu sabiex intaffu t-tbatija tan-nies minħabba l-inflazzjoni.

Niftakar li aktar kmieni din is-sena jew inkella s-sena l-oħra kont għedt li – u ssemmiet hawnhekk mill-Onor. Abela – il-Gvern irid ikun għaqli fil-mod kif jonfoq l-ispiża tiegħu, għas-sempliċi raġuni li aktar ma bħala Gvern ikollna disponibbiltà ta' riżorsi, aktar nistgħu nifirxuhom fuq in-nies u ngħinu lin-nies. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar – jien ma tkellimtx fuqhom, imma kien hemm min semmiehom u mhux se noqgħod nidħol fid-dettall fuqhom – huwa impossibbli li lill-pensjonanti nagħtuhom żieda ta' €15 fil-ġimgħa. Għalhekk huwa impossibbli li nżidu numru ta' affarijiet oħra.

Il-mod kif nara li nistgħu nkunu ta' għajnuna għan-nies hu billi l-Gvern ikompli jżid l-għaqal tiegħu fil-mod kif jonfoq il-flus, sabiex kull ewro li niffrankaw mill-infiq ta' ċerti affarijiet, inkunu nistgħu ngħadduh lin-nies. Eventwalment, din ir-rankatura ta' żieda fil-prezzijiet taqta' nifisha, tibda tmajna u nerġgħu naraw li l-inflazzjoni tiżdied bir-rata li konna mdorrijin biha qabel dawn is-sentejn, tlieta. Madanakollu jidher bl-

aktar mod ċar li fix-xhur li ġejjin u s-sena d-dieħla, iż-żieda fil-prezzijiet – ejja nagħmluha ċara din, għax kultant ikun hemm min ma jifhimhiex – se tibqa' togħla. Il-kwestjoni hi kemm se jkompli jogħla b'ritmu mgħaġġel dak il-livell. Għalkemm ir-ritmu mistenni jonqos, se jibqa' għoli meta kkomparat maż-żmien passat, iżda l-livell se jibqa' hemm. Għalhekk intenni li bħala Gvern irridu naraw kif inkunu aktar għaqlin fl-ispiża tagħna, ħalli dak kollu li niffrankaw ngħadduh lin-nies.

Sur President, nixtieq niddedika l-ħin li fadalli għal kwestjoni li ilna nisimgħu fuqha u naqraw fuqha fil-gazzetti. Hawn min jispara minn naħa u min jispara minn oħra u allura l-valutazzjoni li se nipprova nagħmel issa la se nkun qed nagħmilha bħala Ministru u lanqas bħala persuna li ġejja min-naħa Laburista, imma se nkun qed nagħmilha bħala dak li jien, jiġifieri ekonomista, persuna li twieldet f'Malta u beħsiebha tkompli tgħix f'Malta u, fl-aħħar mill-aħħar, bħala persuna li l-oriġini tagħha ġej minn ambjent sempliċi li għadni ngħożż sal-lum.

Il-popolazzjoni hija dik il-ħaġa li ilna nisimgħu fuqha. L-ekonomija hemm żewġ metodi kif tikber. Għandek bżonn il-kapital, jiġifieri t-teknoloġija, il-makkinarju, fost oħrajn, u għandek bżonn il-ħaddiema. F'dan il-pajjiż, għadni niftakar il-kampanji elettorali miż-żewġ naħat. Niftakar dik tal-2013 fejn bl-aktar mod infantili kienu jistaqsuna kemm se noħolqu impjiegi aħna u kemm kienu se joħolqu huma. Kulħadd għaddej bil-battalja tan-numri! Illum il-ġurnata, wara dan it-tkabbir kollu, qegħdin jistaqsu jekk aħniex se nnaqqsu l-popolazzjoni, jekk l-ieħor hux se jnaqqasha u jekk l-ieħor hux se jġib ħaddiema barranin. Naħseb li dan is-suġġett jimmerita ħafna aktar minn dan il-logħob politiku.

L-appell tiegħi hu li qed nitkellmu fuq gżira ta' 316 kilometru kwadru. Kienet hekk fi żmien il-ħaġar, hija hekk illum u hekk se tibqa'. Mela dak li għandna, fin-natura tiegħu se jibqa' kif inhu. Qed ngħid dan għax jista' jkun hemm min ikollu l-opportunità f'ħajtu – u b'daqshekk m'għandi xejn kontra ħadd – li għax ħa l-edukazzjoni meħtieġa jmur jaħdem barra l-pajjiż, ikabbar il-ġid tiegħu barra l-pajjiż u kapaċi jibqa' barra l-pajjiż ukoll. Jien personalment beħsiebi nibqa' ngħix f'dan il-pajjiż u qed ngħid dan kollu għax naħseb li meta nitkellmu fuq il-popolazzjoni, m'aħniex nidħlu b'mod profond biżżejjed fuq is-suġġett. Kulħadd jipprova jagħtih id-daqqa tiegħu bil-mod kif jippreżenta l-argument, imma naħseb li dik id-daqqa kulħadd qed jagħtihielu b'mod ħażin. U se ngħid għalfejn.

Meta nitkellmu fuq it-tkabbir ekonomiku l-kelliema tan-naħa l-oħra jgħidu li aħna għandna ċ-cheap labour u li huma se jżidu fil-kwalità tal-ħaddiema. Tajjeb, tinstema' sabiħa, imma minnha nnifisha dik fiha problema wkoll li s'issa għadu ħadd ma semmieha f'dan il-pajjiż, għax naqbdu l-argument politiku imma ħadd ma jfissru ekonomikament. Li kieku dan il-pajjiż jaqbad it-triq u jmur għal industriji li jkabbru l-ekonomija b'mod produttiv ħafna u jkomplu jirrikjedu ħafna nies – huwa importanti dan il-punt li qed ngħid u mhux qed ngħid li m'għandux ikun hekk – li jiġri hu li l-pajjiż jipproduċi aktar, imma jekk se jkompli jirrikjedi n-nies bl-istess ammont għax jipproduċi aktar, they will price out everyone. Ir-real estate u l-kirjiet f'pajjiżna jisplodu b'tali mod u manjiera f'dan il-pajjiż li jħallu l-Maltin l-art.

Nistħajjel li jkun hemm min jgħidli li probabbilment qed tiġri xi ħaġa hekk illum ukoll, imma bid-differenza li hemm id-domanda għalihom. Però jekk dik id-domanda se nkomplu nsaħħuha b'nies li huma aktar *sta bene*, l-isfidi li għandna llum se nkomplu nagħmluhom agħar. Irridu ngħidu *mea culpa* bħala pajjiż, għax sfortunatament f'dan il-pajjiż – din dejjem ngħidha, kważi fi kwalunkwe diskors li jkolli – għadna m'aħniex nisħqu biżżejjed fuq l-edukazzjoni. Nixtieq li xi darba, minn din in-naħa tal-Kamra jew min-naħa l-oħra, ikollna dibattitu bis-serjetà fuq l-edukazzjoni f'pajjiżna. Nifhem li llum hemm l-istrajk fuq il-ħlas tal-għalliema, imma l-edukazzjoni f'pajjiżna tmur lil hinn minn hekk. Jien għadni ma nistax nifhem kif wara 40 sena, 50 sena li dan il-pajjiż ilu indipendenti, il-livell ta' edukazzjoni f'pajjiżna għadu kif inhu.

Jien għadni ma nistax nifhem għalfejn illum il-ġurnata, wara li nonfqu dawk il-flus kollha li nonfqu, hija xi ħaġa kbira biex nofs it-tfal iġibu sitt O-Levels ħalli jkomplu l-iskola postsekondarja. Mela allura jekk nitkellmu fuq ekonomija li trid tkun produttiva ħafna, b'setturi li jġibu nies li jkollhom ħiliet ta' barra minn hawn, awtomatikament they will outprice the rest. Min-naħa l-oħra, ħalli ħadd ma jifhimni ħażin, ara xi ħadd ma jaħsibx li qed ngħid li ma rridx ekonomija li tkompli tikber. L-ekonomija trid tkompli tikber u l-iżvilupp irid ikompli, għax huwa b'dawk il-flus li rridu nkomplu nsostnu l-ispejjeż li għandna.

Fil-ftit ħin li fadal, qed nipprova ngħid li f'dan il-pajjiż irridu nħarsu lejn ekonomija – sfortunatament, din la naħa u lanqas l-oħra m'għadha tkellmet biżżejjed fuqha u we are missing the woods for the trees big time – li kemm jista' jkun tkun capital intensive u mhux labour intensive, u din irid isir ħafna xogħol fuqha. Irridu nħarsu lejn investiment li, kemm jista' jkun, jagħmel l-inqas użu mill-ħaddiem. Il-popolazzjoni Maltija tixjieħ qiegħda u mhux tikber. Aktar ma jgħaddu s-snin, aktar se naraw nies anzjani u nies li għandhom il-pensjoni fi Triq ir-Repubblika u mhux żgħar!

Mela f'dan il-pajjiż irid ikollna sistema ekonomika li tibda tbiddel il-mentalità u nispera li tiġi elezzjoni oħra u ma nkunux qisna tfal żgħar u noqogħdu ngħidu għax inti se toħloq 20,000 u jien se noħloq 30,000, qisna l-iskola tan-nuna. Ilna sejrin hekk, imma ħadd m'għandu l-kuraġġ imur hemm barra u jgħid li din il-problema rridu nindirizzawha b'dan il-mod, mhux inkomplu nilagħbu għall-gallarija bin-numri. In-numri mhuma se jwassluna mkien!

Sur President, hawn se nkun kritiku lejna wkoll. Għalhekk in-nies, kemm naħa u kemm oħra, f'sondaġġ wara l-ieħor, numru sostanzjali tagħhom qed jgħidu li ma jridux jivvotaw. Hemm messaġġ. In-nies mhumiex ċwieċ! Forsi mhumiex kapaċi jartikolaw il-ħsieb b'dan il-mod, imma dak hu li qed jgħidulna. Allura nispera li d-diskussjoni f'din il-Kamra ssir aktar matura fiż-żmien li ġej. Nappella wkoll lill-midja sabiex jelevaw il-livell ta' diskussjoni f'dan il-pajjiż, għax wisq nibża' li kultant ninħlew nitkellmu fuq in-numri, imma ma nitkellmux biżżejjed fuq dak li dan il-pajjiż se jkun qed jolqtu fix-xhur u s-snin li ġejjin. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Sar il-ħin. Nistieden lill-Ministru Clyde Caruana biex, jekk jogħġbu, jipproponi l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal-lejla 27 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

Il-Ħmistax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għal Għawdex

Vot 26 - Ministeru għal Għawdex
Vot XIII - Ministeru għal Għawdex – Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għal Għawdex għandha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, il-mistoqsijiet parlamentari jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal-lejla 27 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru. Nirringrazzja lil kull min ipparteċipa fid-diskussjoni ta' dalgħodu kif ukoll lill-ħaddiema ta' dan il-Parlament.

*F'12.04 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*